Mr. Speaker,

Familji fis-Sod. Dan huwa l-baġit li qed inressaq quddiem din il-Kamra.

Dan il-Baġit irid igħin lill-familji u jippremja l-bżulija. Dan il-Baġit joħroġ ukoll il-potenzjal sħiħ ta' pajjiżna. Dan il-Baġit jurina bħala pajjiż u poplu modern, ambizjuż u enerġetiku.

Illejla għal darb'oħra se nnaqsu t-taxxa tad-dħul għall-familji Maltin, se nippremjaw ix-xogħol u se nappoġġjaw it-trobbija tat-tfal.

Illejla, se ninvestu aktar fl-edukazzjoni ta' wliedna.

Illejla, se nkomplu nsaħħu l-ħidma tagħna biex nieħdu ħsieb u nsebbħu l-ambjent, l-identità u l-kultura tagħna.

Illejla, se nkomplu ninvestu fis-setturi produttivi ta' pajjiżna, fl-industrija, fit-turiżmu u fis-*self-employed*.

Illejla, se nimxu pass ieħor fl-immodernizzar tas-servizzi tas-saħħa bil-għan li l-poplu Malti jinqeda dejjem aktar malajr u nkunu aktar aggressivi fil-ġlieda kontra l-kanċer.

Illejla, se naghtu pass ieħor biex iż-żgħażagħ tagħna jkunu jistgħu jsiru sidien ta' darhom.

Illejla, se nagħtu lill-anzjani li bnew lil pajjiżna aktar mezzi biex jibqgħu ċittadini sħaħ u attivi fis-soċjetà Maltija.

Illejla, se nsaħħu l-forzi tas-sigurtà ta' pajjiżna, anke biex nilqgħu dejjem aħjar għall-problema ta' l-immigrazzjoni llegali.

Illejla, se nniedu programm estensiv ta' 140 miljun lira (€326.1 miljun) ta' investiment f'pajjiżna ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea. Se ninvestu fl-ibliet u l-irħula tagħna, fl-ambjent tagħna, fit-toroq tagħna, fis-servizzi tas-saħħa u aktar.

Mr. Speaker,

Qed nibnu fuq pedamenti sodi. Illum, għandna l-akbar numru ta' nies jaħdmu mill-Indipendenza 'l hawn. Għandna l-anqas numru ta' nies qiegħda mill-1995 'l hawn. L-ekonomija kompliet tikber. Il-finanzi qegħdin fis-sod. Qed nimmiraw li fi żmien sentejn naslu għal baġit bla defiċit, fejn indaħħlu aktar milli nonfqu..

Dan huwa baġit li bi prudenza kbira jsarraf l-aspirazzjonijiet tal-poplu Malti li l-familja tkun tista' tħares 'l quddiem fis-sod.

Malta hi b'saħħitha għax aħna l-Maltin għamilniha b'saħħitha. Inħossuna grati lejn dawk li qabilna bnew lil pajjiżna b'idejhom, b'moħħhom u b'qalbhom.

Mr. Speaker,

Illejla qed nieħdu l-passi li jmiss fit-tisħiħ ta' Malta li rridu ngħaddu lill-uliedna u lit-tfal tagħhom. Malta moderna, b'irwol Ewropew u Mediterranju; Malta fejn kulħadd jirnexxi.

Mr. Speaker,

Huwa unur għalija li llejla nressaq quddiem dan il-Parlament ir-raba' baġit tiegħi fil-ftit aktar mit-tliet snin li ili Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi. Se nitlob lil dan il-Parlament biex japprova baġit ta' biljun u mitt miljun lira (€2.6 biljun) fit-tisħiħ tal-familji tagħna u ta' pajjiżna.

Mr. Speaker,

Irrid nesprimi r-ringrazzjament tiegħi u tal-Gvern għall-ħidma sfiqa tal-poplu Malti. Lilkom il-ħaddiema kollha li b'impenn u dedikazzjoni tagħtu l-ġurnata tax-xogħol tagħkom. Lilkom li nvestejtu f'pajjiżna u ħloqtu l-ġid għall-familji tagħna. Lilkom il-ġenituri li jum wara l-ieħor tiddedikaw ħajjitkom biex uliedkom ikunu aħjar minnkom. Lilkom li taħdmu fil-volontarjat b'risq ħaddieħor. Lis-soċjetà ċivili li ssaħħu d-demokrazija tagħna. Lilkom it-tfal għax tferrħuna u tfakkruna fl-affarijiet importanti fil-ħajja anke meta aħna l-kbar ninsewhom. Grazzi.

Għalija u għall-Gvern li jien immexxi, l-aktar ħaġa importanti huwa l-bniedem, kull persuna. Għalina ma teżisti ebda klassi. Jeżisti biss il-bniedem. Id-dinjità ta' kull mara u kull raġel tiġi qabel kull ideoloġija.

Nemmnu li lkoll għandna l-istess dinjità iżda nagħrfu wkoll li l-bżonnijiet tagħna mhumiex l-istess. Waqt li nħarsu d-dinjità ta' kull wieħed u waħda minna, nagħtu preferenza lill-ħarsien ta' dawk li huma l-aktar dgħajfa.

Aħna u nfasslu dan il-Baġit tkellimna ma' ħafna nies, familji, organizzazzjonijiet, ta' kull fehma u kulur politiku. Iddiskutejna ma' l-għaqdiet ta' min iħaddem u l-*unions*. Tkellimna mas-soċjetà ċivili. Smajna x-xewqat u l-bżonnijiet ta' eluf li ħadu sehem f'diskussjonijiet li ilhom sejrin mill-aħħar baġit sa jumejn ilu. Il-poplu Malti jirringrazzjakom tas-sehem tagħkom.

Irċevejna ħafna ideat u proposti. Waslulna 'l fuq minn 4,500 ittra, telefonata u *e-mail*.

Dan hu l-messaġġ li smajna:

1. Il-bidla li wettaqna tul dawn it-tliet snin ma kinetx faċli imma qed tagħti l-frott;

2. Il-familji Maltin iridu l-għajnuna biex ikomplu jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom;

3. L-anzjani jixtiequ soċjetà li tagħraf aktar il-kontribut li taw u li jistgħu ikomplu jagħtu lil pajjiżna;

4. Is-settur tax-xogħol għaddej b'ritmu tajjeb u ma jiflaħx skossi ;

5. It-turiżmu rpilja imma jeħtieġ li nkomplu nsostnuh;

6. Għawdex huwa gżira reġjun b'potenzjal u opportunitajiet uniċi;

7. L-edukazzjoni, is-saħħa u l-qasam soċjali jeħtieġu l-kontinwità ta' l-iżvilupp li sar fl-aħħar snin;

8. L-ambjent jeħtieġ aktar investiment u protezzjoni; u

9. Hemm preokkupazzjoni ġenwina dwar kif se nindirizzaw l-isfida ta' l-immigrazzjoni irregolari.

Fi ftit kliem, il-messaġġ li wassaltulna huwa ċar: tirriskjawx dak li ksibna, irridu nefqa għaqlija u li tirrendi, iffukata fuq l-akbar bżonn. Dan huwa li se nagħmlu b'dan il-Baġit.

Nixtiequ ħafna li kieku nistgħu nilqgħu x-xewqat ta' kulħadd. Nixtiequ li qed nagħmlu ħafna iżjed minn dak li se nħabbar illejla. Iżda, b'responsabilità nqis li nkunu qed nonqsu bil-kbir jekk nagħtu mqar pass wieħed li jipperikola dak li ksibna. Għalhekk dan huwa Baġit prudenti u kawt fin-nefqa li qed jipproponi, li jasal biss sa fejn nistgħu naslu s'issa. Huwa Baġit reali għall-bżonnijiet tal-lum, filwaqt li jħares 'il bogħod.

Dan huwa Baġit bi tliet objettivi ċari:

- Huwa baġit li joħloq il-ġid, jnaqqas d-defiċit b'20 miljun, noqorbu pass ieħor biex nibdew ndaħħlu aktar milli nonfqu. Dan jippermettilna nfaddlu biex it-tfal tagħna jirbħu l-isfidi li għad jiffaċċjaw.
- Huwa baġit b'Lm140 miljun (€326.1 miljun) investiment fi proġetti kapitali fl-ekonomija, fl-infrastruttura, fl-iskejjel, fil-patrimonju u fl-ambjent.
- Huwa baġit li jsarraf Lm21 miljun (€48.9 miljun) fi dħul ġdid għall-familji Maltin u Għawdxin mill-ġid li qed joħloq pajjiżna.

Dan il-Baġit isaħħaħ lill-pajjiżna.

B’dan il-Baġit il-familji Maltin u Għawdxin jgħixu aktar fis-sod.

## Il-Qagħda Ekonomika u Finanzjarja

### Żviluppi fl-Ekonomija Internazzjonali

Inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-*Economic Survey*.

Mr. Speaker,

L-ekonomija Maltija ma tistax tinfired minn dak li jkun qed jiġri barra minn pajjiżna. Mhux l-ewwel darba li spjegajt illi dak li jiġri fil-Borża ta' New York, jaffettwa x-xogħol ġewwa Ħal-Far u l-qagħda ekonomika ġewwa l-Ingilterra tħalli impatt fuq il-lukandi li għandna f'Buġibba. Tabella Numru 1 tagħti rendikont qasir ta' l-ekonomija internazzjonali. Jidher li għalkemm l-ekonomija dinjija għandha tibqa' b'saħħitha, l-prospetti ta' tkabbir fl-ekonomija globali jistgħu jiċċajpru minħabba l-inkwiet finanzjarju riċenti u fatturi oħra.

L-għoli tal-prezz taż-żejt ġab miegħu pressjoni fuq il-prezzijiet ta' diversi prodotti u servizzi li nużaw, kif ukoll l-weġgħa tas-*surcharge*. Ngħid weġgħa għax naf li s-*surcharge* weġġgħet sew lill-familji u lill-industriji tagħna, minkejja dak kollu li għamilna biex innaqsu l-impatt tagħha. Kieku nista' nneħħiha, nassigura lill-poplu Malti li nneħħiha. Ħadd m'għandu jipprova jagħmel kapital politiku minn din il-weġgħa. Jekk inżid ir-rati tad-dawl u l-ilma kif kien sar fil-Baġit ta' 10 snin ilu, inkun nista' nneħħi s-*surcharge*. Imma hekk, inkunu qed nidħku bil-poplu Malti. Tmexxija serja titlob mod ieħor. Ir-rati tad-dawl u l-ilma, ma jinżlux, filwaqt li s-*surcharge* titla' u tinżel skond il-prezz taż-żejt.

Kellna wkoll l-għeluq ta' fabbriki li fissru t-telfien ta' bosta mpiegi. Madanakollu, l-ekonomija tagħna rnexxielha toħloq impiegi biżżejjed biex il-qagħad illum huwa 500 anqas missena li għaddiet. Ilħaqna wkoll l-ogħla numru ta' nies jaħdmu bi qliegħ. Is-sitwazzjoni tax-xogħol hija l-aħjar f'dawn l-aħħar 12-il sena. Dan mhux biżżejjed. Sakemm jibqa' persuna waħda li b'mod ġenwin tkun qed tfittex ix-xogħol, l-isfida tkun għadha magħna. U aħna se naħdmu b'ħilitna kollha biex negħlbuha.

Il-prezzijiet tal-prodotti agrikoli, speċjalment tal-qmuħ u ċ-ċereali, għolew bil-kbir minħabba diversi fatturi, fosthom it-talba dejjem tikber mill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, kif ukoll minħabba l-użu akbar ta' dawn il-prodotti għall-*biofuel.* Sitwazzjoni bħal din tolqot lil pajjiżna wkoll.

Sfortunatament, dan qed iseħħ ftit ġimgħat qabel ma Malta tibda tuża l- Ewro bħala l-munita tagħna. Diġà hawn min qiegħed jipprova jgħawweġ ir-realtà u jgħid li dawn iż-żidiet huma riżultat tad-dħul tal-Ewro. Naturalment, min hu ġenwin jaf li min jgħid hekk ikun qiegħed iqarraq u jiżvija lill-poplu tagħna f'dan il-mument delikat. Ilkoll għandna nippreparaw ħalli jkollna l-aħjar dħul ta' l-Ewro.

Barra minn dan, it-taqlib fis-swieq finanzjarji u dawk kapitali ħareġ fid-deher fl-aħħar ġimgħat. Għalkemm messniex direttament, xorta waħda nħossuna preokkupati għaliex jekk dan jispiċċa jxekkel ir-ritmu ekonomiku dinji, nistgħu nintlaqtu ħażin aħna wkoll.

Madanakollu, bi tmexxija dixxiplinata u prudenti, l-ekonomija tagħna għaddiet minn dan it-taqlib u baqgħet sħiħa, anzi ssaħħet u qed tkompli tissaħħaħ.

**Tabella 1: Żviluppi Ekonomiċi Internazzjonali**

| |
|---|
| Ir-rata ta' tkabbir ekonomiku internazzjonali f'termini reali għal din is-sena mistenni li jkun kemmxejn anqas minn dak imkejjel matul l-2006. Dan għaliex it-tkabbir fil-Prodott Domestiku Gross dinji hu mistenni jinżel għal 4.8 fil-mija meta mqabbel ma' 5.2 fil-mija s-sena li għaddiet. Minkejja dan, l-ekonomija dinjija għandha tibqa' b'saħħitha għar-raba' sena konsekuttiva. |
| It-tkabbir ekonomiku fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (UE) u fil-pajjiżi fiż-żona tal-Ewro, jirrifletti dak dinji, fejn it-tkabbir ta' 3.0 fil-mija fl-UE u 2.8 fil-mija fiż-żona tal-Ewro mkejla fl-2006 mistenni jinżel għal 2.8 fil-mija u 2.5 fil-mija rispettivament fl-2007. |
| Ir-rata tat-tkabbir ekonomiku fl-iStati Uniti matul l-2007 hi mistennija tinżel għal 2.2 fil-mija, li hi l-aktar rata baxxa mkejla f'dawn l-aħħar snin. Dan it-tnaqqis jirrifletti l-iżviluppi fis-settur tal-propjetà u fis-settur tas-servizzi finanzjarji fl-Amerika. Mill-banda l-oħra, għalkemm l-ekonomija Ċiniza mistennija tikber b'rata kemmxejn inqas minn dik imkejla s-sena li għaddiet, it-tkabbir tal-Prodott Domestiku Gross fiċ-Ċina xorta waħda mistenni jilħaq l-10.5 fil-mija fl-2007, filwaqt li r-rata ta' tkabbir fil-Ġappun mistennija taqbeż xi ftit il-livell imkejjel is-sena li għaddiet, għal 2.3 fil-mija. |
| Ix-xejriet għall-2008 baqgħu pożittivi għalkemm żdiedu r-riskji negattivi. Ħafna jiddependi fuq jekk l-effett fuq it-tkabbir ekonomiku dinji tad-diffikultajiet finanzjarji li żviluppaw reċentament huwiex se jkun sostanzjali. Minbarra dan, jista' jkun hemm impatt negattiv ukoll miż-żidiet fil-prezzijiet internazzjonali taż-żejt, il-qmugħ u l-ġwież, kif ukoll l-iżviluppi fir-rati tal-kambju tal-Ewro u tad-dollaru Amerikan. Dan it-taqlib fis-swieq internazzjonali qiegħed jnkwieta lil kulħadd, inkluż lilna, mhux l-anqas għaliex dan jista' jħarbat ħafna minn dak li nkiseb b'ħafna xogħol u taħbit. Minkejja dan, m'aħniex se naqtgħu qalbna u bħal ma għamilna qabel, se nkomplu nirsistu biex niksbu r-riżultati li nixtiequ u li jixirqu lill-poplu tagħna. Għaldaqstant, il-Gvern qiegħed isegwi mill-qrib dak li għaddej fis-swieq finananzjarji internazzjonali u fis-swieq taż-żejt u l-qmuħ biex, fejn hu possibbli u nistgħu, nilqgħu għall-inkwiet u nixtru l-bżonnijiet tagħna bl-aħjar kundizzjonijiet possibbli. Fuq kollox, il-Gvern qiegħed jagħti każ ta' dawn l-iżviluppi fit-tfassil tal-pjani u l-istrateġiji tiegħu għal pajjiżna. |

**Il-Qagħda tal-Ekonomija Maltija**

Matul dawn l-aħħar tliet snin pajjiżna ġie eżaminat b'mod regolari fuq ħames kriterji ekonomiċi importanti. F'Mejju, il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew għamlu analiżi dettaljata ta' pajjiżna u qablu li l-politika ekonomika u finanzjarja mħaddma minn dan il-Gvern hija waħda "kredibbli u sostenibbli". Dan wassalna, biex f'Jannar, indaħħlu l-Ewro.

Mr. Speaker,

Dan il-Baġit jibni fuq din il-kredibilità u sostenibbiltà.

L-andament ekonomiku pożittiv li seħħ fl-2005 u fl-2006 kompla jiġi sostnut fl-ewwel nofs ta' din is-sena, b'rata ta' tkabbir ta' 3.6 fil-mija f'termini reali. Dan ifisser żieda ta' 0.4 perċentwali fuq l-istess perjodu tas-sena li għaddiet. Il-konsum tal-Gvern baqa' taħt kontroll strett bi tkabbir ta' anqas minn 1 fil-mija f'termini reali.

*Aktar Xogħol u Xogħol Aħjar*

Ix-xogħol huwa ċ-ċavetta għal kwalità ta' ħajja tajba, filwaqt li jagħti għixien u dinjità lill-ħaddiema u lill-familji tagħhom.

F'Ġunju ta' din is-sena lħaqna l-ogħla numru ta' nies jaħdmu bi qligħ. Kburin bil-fatt li din iż-żieda fl-impiegi seħħet fis-settur privat u mhux fis-settur pubbliku. Nenfasizza li, minn naħa l-oħra, l-impiegi fis-settur pubbliku komplew jonqsu. Tabella Numru 2 tispjega l-qagħda tas-suq tax-xogħol fl-aħħar sena.

**Tabella 2: Is-Suq tax-Xogħol**

| | Ġunju 2006 | Ġunju 2007 | Tibdil |
|---|---|---|---|
| Forza tax-xogħol | 146,341 | 146,404 | +63 |
| Persuni li jaħdmu *full- time:* | 139,280 | 140,067 | +787 |
| Fis-settur privat | 96,081 | 97,465 | +1,384 |
| Fis-settur pubbliku | 43,199 | 42,602 | -597 |
| Persuni li jaħdmu għall-rashom | 16,428 | 16,632 | +204 |
| Qagħad (l-1 parti) | 6,601 | 5,701 | -900 |
| | | | |
| Rata tal-qagħad | 4.5 | 3.9 | -0.6 p.p. |
| | | | |
| Persuni li jaħdmu *part-time* | 43,188 | 46,318 | +3,130 |

Dan hu Gvern li jemmen li s-settur privat huwa l-mutur li joħloq il-ġid. Fl-2003, is-settur privat kien jimpjega anqas minn 66 fil-mija tal-ħaddiema taghna. Illum, is-settur privat jimpjega qrib is-70 fil-mija. Żdied is-sehem tal-impiegi produttivi fl-ekonomija. Naqas l-intervent tal-Gvern fuq id-deċiżjonijiet purament kummerċjali. Żdied l-investiment minn sorsi privati flok mit-taxxi. Żdiedet l-opportunità ta' tkabbir. Naqset il-kompetizzjoni ngusta ma' ażjendi privati.

Tabella Numru 3 turi ċ-ċaqlieq mis-settur pubbliku għas-settur privat tul dawn l-aħħar għoxrin sena.

**Tabella 3: Ċaqlieq tal-impiegi mis-Settur Pubbliku għall-Privat fl-aħħar 20 sena**

| | Azjendi Pubbliċi<br>% | Servizz Pubbliku<br>% | Impjieg Settur Pubbliku<br>% | Impjieg mal-Privat<br>% |
|---|---|---|---|---|
| 1987 | 17.1 | 27.32 | 44.4 | 55.6 |
| 1988 | 17.1 | 27.7 | 44.8 | 55.2 |
| 1989 | 16.6 | 27.6 | 44.2 | 55.8 |
| 1990 | 16.0 | 27.3 | 43.3 | 56.7 |
| 1991 | 15.6 | 27.1 | 42.8 | 57.2 |
| 1992 | 16.0 | 26.9 | 42.9 | 57.1 |
| 1993 | 15.6 | 26.7 | 42.3 | 57.7 |
| 1994 | 15.5 | 25.8 | 41.3 | 58.7 |
| 1995 | 13.8 | 24.7 | 38.5 | 61.5 |
| 1996 | 13.7 | 24.7 | 38.4 | 61.6 |
| 1997 | 13.8 | 24.3 | 38.0 | 61.9 |
| 1998 | 13.3 | 24.4 | 37.6 | 62.4 |
| 1999 | 11.5 | 24.1 | 35.6 | 64.4 |
| 2000 | 11.7 | 23.7 | 35.4 | 64.6 |
| 2001 | 11.8 | 23.6 | 35.5 | 64.5 |
| 2002 | 11.2 | 23.3 | 34.5 | 65.5 |
| 2003 | 11.0 | 23.4 | 34.4 | 65.6 |
| 2004 | 10.4 | 23.1 | 33.5 | 66.5 |
| 2005 | 10.2 | 22.5 | 32.7 | 67.3 |
| 2006 | 8.9 | 22.1 | 31.0 | 69.0 |
| 2007* | 8.7 | 21.8 | 30.5 | 69.5 |

* Is-sena 2007 hija sa l-aħħar ta' April, u l-kumplament huma kollha sa l-aħħar ta' Diċembru.

In-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol fl-ewwel parti tar-reġistru f'Ġunju li għadda, kien ta' 5,701 u r-rata tal-

qagħad kienet ta' 3.9 fil-mija, jiġifieri l-aktar waħda baxxa fl-aħħar 12-il sena.

*Is-Settur tat-Turiżmu*

Matul din is-sena bdejna naħsdu l-frott tal-inizjattivi li ħadna sabiex insaħħu s-settur tat-turiżmu. Fl-ewwel tmien xhur ta' din is-sena, in-numru ta' turisti żdied bi 58,038, għal total ta' 825,874 persuna u l-passiġġieri li żaru pajjiżna fuq *cruise liners* żdied b'26.6 fil-mija u tela' għal 295,220 passiġġier. Il-qligħ gross mit-turiżmu fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena laħaq il-108.7 miljun lira, żieda ta' 7.1 fil-mija meta mqabbel mas-sena li għaddiet. Bejn Jannar u Ġunju, kull turist ras għal ras, nefaq 217-il lira, jiġifieri 0.7 fil-mija aktar mis-sena li għaddiet.

*Is-Settur tal-Manifattura*

Matul l-ewwel sitt xhur ta' din is-sena, is-settur tal-manifattura kompla jtejjeb il-kisbiet tiegħu u rreġistra tkabbir ta' 4.1 fil-mija. Bejn Jannar u Ġunju ta' din is-sena, il-bejgħ mill-intrapriżi żdied bi kważi 20 miljun lira (€46.6 miljuni), għal 506.4 miljuni (€1,179.6 miljuni). L-investiment fis-settur tal-manifattura żamm il-livell reġistrat is-sena li għaddiet. Il-qligħ tal-impjegati żdied b'4.5 fil-mija u laħaq il-livell ta' 61.7 miljun lira (€143.7 miljuni).

Inħossni kburi nara ażjendi ta' fama mondjali bħall-HSBC, il-Lufthansa, l-Actavis, u d-De La Rue jafu lill-ħaddiema Maltin, jemmnu fihom u jridu jimpjegaw aktar. Matul ix-xhur li ġejjin se nkunu qed naraw aktar stejjer ta' suċċess f'dan il-qasam.

*Il-Kummerċ Barrani*

Matul l-ewwel seba' xhur ta' din is-sena, l-iżbilanċ kummerċjali ma' barra niżel għal 276.3 miljun lira (€643.6 miljuni) meta mqabbel ma' 334.2 miljun lira (€778.5 miljuni) fl-istess perjodu s-sena li għaddiet. Dan jirrifletti t-tnaqqis fil-livell tal-importazzjoni b'3.1 fil-mija u ż-żieda fl-esportazzjoni ta' 5.9 fil-mija.

Matul l-ewwel sitt xhur ta' din is-sena, l-iżbilanċ kurrenti tal-kont tal-pagamenti niżel b'27.1 fil-mija, għal 81.2 miljun lira (€189.1 miljun), jew minn 10.8 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross imkejjel għall-perjodu Jannar sa Ġunju tal-2006, għal 7.4 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross fl-istess żmien din is-sena. Dan it-tnaqqis ġie b'riżultat tat-titjib fl-iżbilanċ kummerċjali ma' barra.

*Riforma fil-Portijiet*

Matul din is-sena ntlaħaq ftehim dwar kważi l-aspetti kollha tar-riforma tal-portijiet. Permezz ta' dan il-ftehim, l-ispejjeż tal-ħatt u t-tagħbija tal-merkanzija domestika niżlu b'madwar 20 fil-mija. Malta saret aktar kompetittiva. Mhux hekk biss, iżda żdiedu wkoll l-impiegi.

Il-privatizzazzjoni tat-Tug Malta kienet l-aħħar ħolqa fil-ħruġ tal-Gvern mis-settur marittimu li sa ftit ilu kien iddominat minnu. Din kienet fażi meħtieġa ta' l-ekonomija tagħna – fażi li dan il-Gvern irnexxielu jlestiha u li issa bdiet tagħti l-frott għal pajjiżna.

**Tabella 4: Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar u Portijiet**

| |
|---|
| Minn meta CMA-CGM ħadu f'idejhom l-operat tal-Freeport, is-sidien il-ġodda investew 'il fuq minn 45 miljun Ewro (Lm19.3 miljun) u żiedu n-numru ta' TEUs minn 1.3 miljun għal aktar minn 1.5 miljun fis-sena. Il-privatizzazzjoni tas-Sea Malta ma seħħitx għax kien hemm min ried ifixkel. Iżda l-oġġettiv li noħolqu spazju għall-impriża privata ntlaħaq. Waqaf it-telf li konna nissussidjaw u minflok roħsu b'20 fil-mija l-prezzijiet li jħallsu l-klienti. Dan kien żvilupp importanti ieħor fil-ħidma tagħna sabiex nagħmlu lil pajjiżna aktar kompetittiv. Dan kien iż-żmien ukoll meta l-Gvern irriforma l-*Cargo Handling* u, bil-*Valletta Gateway Terminal,* daħal *player* b'esperjenza wkoll fl-amministrazzjoni tal-Port il-Kbir, kif *P&O Ports* daħlu fil-port ta' Birżebbuġia. |

Wettaqna wkoll it-tieni fażi tal-privatizzazzjoni tal-Maltapost. Illum, il-posta ta' aktar minn 50 gramma hi suq għal kollox liberalizzat u kompetittiv u ma jagħmilx sens li l-Gvern jibqa' jopera fih f'kompetizzjoni mas-settur privat. Mill-2009, is-suq tal-posta se jinfetaħ għall-kompetizzjoni u għalhekk il-preżenza tal-Gvern f'dan il-qasam ma tagħmilx aktar sens.

*Is-Sostenibbiltà tat-Tarzna*

Il-Port il-Kbir se jsaħħaħ l-attivitajiet ekonomiċi tal-merkanzija, tal-*cruise liners*, ta' l-attività awdjoviżiva, tat-tiswijiet marittimi u tas-*super yachts*. Din hija l-viżjoni li ħabbarna fil-ġimgħat li għaddew għall-Port il-Kbir. F'din il-katina ta' servizzi hemm skop għal tarzna dinamika, kompetittiva u produttiva.

L-2008 hi l-aħħar sena fejn it-taxxi tal-Maltin se jagħmlu tajjeb għat-telf tat-Tarzna. Dan m'għandux għalfejn ifisser it-tmiem tat-Tarzna. Anzi, għandu jwassal għal Tarzna li tagħti

kontribut lill-attività ekonomika fil-pajjiż u ssostni mijiet ta' mpiegi produttivi.

Issa tassew li d-destin tat-Tarzna hu f'idejn il-ħaddiema. Konvint li l-maġġoranza tal-ħaddiema jifhmu x'qed jaffrontaw u lesti għal dan il-futur. Nesprimi t-tama li dawn il-ħaddiema ma jħallux lil min ifixkilhom jew lil min jitmagħhom il-gidba li l-Maltin lesti u jistgħu jibqgħu jħallsu mit-taxxi tagħhom sabiex jikkumpensaw għat-telf li jsir.

*L-Għoli tal-Ħajja u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

F'Settembru, l-inflazzjoni niżlet għal 0.81 fil-mija meta mqabbla ma' 3.42 fil-mija f'Settembru tas-sena li għaddiet.

It-tnaqqis fl-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut li kien irreġistrat matul din is-sena jirrifletti l-aktar l-effett tal-għoli tal-prezzijiet li kien ġej minn żieda fil-prodotti tal-enerġija u l-prezzijiet tal-ilma u l-elettriku matul l-2006, u l-fatt li fl-2007 il-prezzijiet lill-konsumatur kienu anqas u aktar stabbli mis-sena ta' qabel. Tajjeb wieħed japprezza li, waqt li fl-2006 is-*surcharge* kienet tlaħħaq għal madwar 67.5 fil-mija, bħalissa qegħda 50 fil-mija.

Għalhekk, skond il-mekkaniżmu stabbilit, iż-żieda għall-għoli tal-ħajja għandha tkun 50 ċenteżmu (€1.16 -il ċenteżmu).

Aħna konxji li f'dawn l-aħħar xahrejn il-familji tagħna ffaċċjaw żidiet fil-prezzijiet tal-ikel minħabba il-pressjonijiet internazzjonali. Ir-raġunijiet għal dan diġà spjegajthom aktar kmieni. L-esperti kollha qegħdin isostnu li dan l-impatt se jkompli fix-xhur li ġejjin. Ma nistgħux nħallu din is-

sitwazzjoni mingħajr ma nkunu ħadna l-inizjattivi li hemm bżonn biex intaffu l-impatt fuq il-familji tagħna kemm jista' jkun.

F'dawn iċ-ċirkustanzi straordinarji, il-Gvern iddeċieda li ż-żieda għall-għoli tal-ħajja tiġi antiċipata b'lira minn dak li kieku kien ser jingħata s-sena d-dieħla. Dan iffisser li għall-2008, iż-żieda se tkun ta' Lm1.50 (€3.49 ċenteżmu) fil-ġimgħa.

Il-Gvern ħa wkoll numru ta' inizjattivi biex jiġġieled l-għoli tal-ħajja u jagħti aktar stabilità fil-prezzijiet.

B'rabta mal-bidla għall-Ewro, qed jittieħdu numru ta' inizjattivi fosthom l-iskema *FAIR* li qed titħaddem ma' 'l fuq min 6,500 ħanut, u l-*Price Stability Agreements*, sal-lum ma' 11-il importatur, biex jagħtu stabbilità ta' prezzijiet matul il-bidla.

Barra minn hekk, fis-settur tal-mediċini twaqqaf mekkaniżmu fid-Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni li permezz tiegħu qegħdin jiġu mgħarbla l-prezzijiet tal-mediċini. Dan il-mekkaniżmu diġà beda jagħti r-riżultati mixtieqa.

**Il-Qagħda Finanzjarja**

It-Tabelli numru 5 u 6, li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija, juru r-riżultati finanzjarji kemm għall-2007 kif ukoll għas-snin 2008-2010. Fl-aħħar tad-Diskors qiegħed nehmeż ukoll r-rendikonti tad-dħul u l-ħruġ b'aktar dettal.

Mr. Speaker,

Bħal dan iż-żmien sena, fid-Diskors tal-Baġit, kont ħabbart li l-iżbilanċ strutturali kellu jinżel taħt it-3 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross. Fil-fatt, għandna riżultat aħjar minn dak li bassarna – l-iżbilanċ għas-sena li għaddiet kien ta' 58 miljun lira (€135.1 miljun) jew ta' 2.7 fil-mija ta' dak li pproduċa l-pajjiż.

Għal din is-sena, il-Gvern qed jipprevedi li d-defiċit jinżel għal 48 miljun lira (€111.9 miljuni), jiġifieri 10 miljun lira (€23.3 miljuni) anqas mis-sena li għaddiet u 2.1 fil-mija ta' dak li jipproduċi l-pajjiż.

Għall-2008 qed nippjanaw li d-defiċit jinżel għal 1.2 fil-mija ta' dak li jipproduċi l-pajjiż, jiġifieri għal 29 miljun lira (€67.6 miljun).

Dan mhux biżżejjed Mr. Speaker. Il-Gvern tiegħi jemmen li għandna nkomplu naħdmu sabiex nilħqu l-mira li sal-2010 pajjiżna jagħmel *surplus* – jiġifieri li f'sena finanzjarja jdaħħal aktar milli jonfoq. Dan ifisser aktar riżorsi disponibbli għall-investiment fl-ekonomija ta' pajjiżna u t-titjib fil-qagħda tal-familji tagħna.

Tabella 5

**IL-QAGHDA FISKALI 2006-2007**

*Lm'000*

| | 2006 Attwali | | 2007 Approvat | | 2007 Rivedut | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dhul Totali | | 944,720 | | 992,929 | | 977,211 |
| Dhul minn Taxxi | 797,254 | | 851,185 | | 865,455 | |
| Dhul iehor | 147,466 | | 141,744 | | 111,756 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 865,552 | | 879,558 | | 894,886 |
| Spiża Rikurrenti | 788,171 | | 803,408 | | 817,823 | |
| Hlasijiet ta' Imghax | 77,381 | | 76,150 | | 77,063 | |
| Bilanc Rikurrenti | 79,168 | | 113,371 | | 82,325 | |
| Nefqa Kapitali | | 137,021 | | 167,835 | | 130,775 |
| Nefqa Totali | | 1,002,573 | | 1,047,393 | | 1,025,661 |
| **(Żbilanc)** | | **(57,853)** | | **(54,464)** | | **(48,450)** |
| **Finanzjament** | | | | | | |
| Hlas lura dirett ta' Self | (249) | | 0 | | 0 | |
| Kontribuzzjonijiet ghas-*Sinking Funds* | (11,227) | | (9,902) | | (9,902) | |
| Bilanc mis-*Sinking Funds* ta' Stokk Konvertit | 12,459 | | 4,200 | | 4,200 | |
| Bejgh ta' Assi | 74,170 | 75,153 | 0 | (5,702) | 0 | (5,702) |
| Bilanc / (Htiega ta' Self) | | 17,300 | | (60,166) | | (54,152) |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanc fl-1 ta' Jannar | (45,858) | | (30,928) | | (28,558) | |
| Self Lokali | 0 | (45,858) | 50,000 | 19,072 | 50,000 | 21,442 |
| Bilanc fil-31 ta' Dicembru | | (28,558) | | (41,094) | | (32,710) |
| **Aggustamenti E.S.A. '95** | | **3,122** | | | | **11,247** |
| **(Żbilanc) tal-Gvern Estiż** | **(54,731)** | | | | **(37,203)** | |
| **Prodott Gross Domestiku** | **2,157,380** | | | | **2,295,867** | |
| **(Żbilanc) Strutturali bhala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **-2.68%** | | | | **-2.11%** | |
| **(Żbilanc) tal-Gvern Estiż bhala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **-2.54%** | | | | **-1.62%** | |

Tabella 6

**IL-QAGHDA FISKALI 2006 - 2010**

*Ewro '000*

| | 2006 Attwali | | 2007 Rivedut | | 2008 Estimi | | 2009 Estimi | | 2010 Estimi | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dhul Totali | | 2,200,605 | | 2,276,289 | | 2,410,818 | | 2,486,820 | | 2,595,921 |
| Dhul minn Taxxi | 1,857,102 | | 2,015,968 | | 2,122,339 | | 2,205,404 | | 2,300,116 | |
| Dhul Iehor | 343,503 | | 260,321 | | 288,479 | | 281,416 | | 295,805 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 2,016,194 | | 2,084,524 | | 2,150,843 | | 2,189,785 | | 2,218,043 |
| Spiża Rikurrenti | 1,835,945 | | 1,905,015 | | 1,968,453 | | 2,005,066 | | 2,032,858 | |
| Hlasijiet ta' Imghax | 180,249 | | 179,509 | | 182,390 | | 184,719 | | 185,185 | |
| Bilanc Rikurrenti | 184,411 | | 191,765 | | 259,975 | | 297,035 | | 377,878 | |
| Nefqa Kapitali | | 319,172 | | 304,623 | | 328,403 | | 306,933 | | 317,661 |
| Nefqa Totali | | 2,335,366 | | 2,389,147 | | 2,479,246 | | 2,496,718 | | 2,535,704 |
| **(Żbilanc) / Bilanc** | | **(134,761)** | | **(112,858)** | | **(68,428)** | | **(9,898)** | | **60,217** |
| Finanzjament | | | | | | | | | | |
| Hlas lura dirett ta' Self | (580) | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | |
| Kontribuzzjonijiet ghas-*Sinking Funds* | (26,152) | | (23,065) | | (19,220) | | (16,462) | | (16,462) | |
| Bilanc mis-*Sinking Funds* ta' | | | | | | | | | | |
| Stokk Konvertit | 29,021 | | 9,782 | | 32,409 | | 0 | | 0 | |
| Bejgh ta' Assi | 172,770 | 175,059 | 0 | (13,283) | 0 | 13,189 | 0 | (16,462) | 0 | (16,462) |
| Bilanc / (Htiega ta' Self) | | 40,298 | | (126,141) | | (55,239) | | (26,360) | | 43,755 |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanc fl-1 ta' Jannar | (106,820) | | (66,522) | | (76,194) | | 54,917 | | 168,321 | |
| Self Lokali | 0 | (106,820) | 116,469 | 49,947 | 186,350 | 110,156 | 139,764 | 194,681 | 41,928 | 210,249 |
| Bilanc fil-31 ta' Dicembru | | (66,522) | | (76,194) | | 54,917 | | 168,321 | | 254,004 |
| **Aggustamenti E.S.A. '95** | | **7,272** | | **26,198** | | **(1,868)** | | **1,160** | | **(738)** |
| **(Żbilanc) / Bilanc tal-Gvern Estiż** | **(127,489)** | | **(86,660)** | | **(70,296)** | | **(8,738)** | | **59,479** | |
| **Prodott Gross Domestiku** | **5,025,344** | | **5,347,932** | | **5,675,514** | | **5,986,953** | | **6,323,494** | |
| **(Żbilanc) / Bilanc Strutturali bhala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **-2.68%** | | **-2.11%** | | **-1.21%** | | **-0.17%** | | **0.95%** | |
| **(Żbilanc) / Bilanc tal-Gvern Estiż bhala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **-2.54%** | | **-1.62%** | | **-1.24%** | | **-0.15%** | | **0.94%** | |

Jekk irridu niżguraw futur fis-sod għall-familji tagħna, din hija t-triq. Hekk biss jista' jkollna aktar riżorsi biex ninvestu u naqsmu mill-ġid li jinħoloq. Hekk nassiguraw li ma ngerxux l-investiment minħabba klima ta' inċertezza.

Tabella 7 tispjega kif il-Gvern qiegħed jipproġetta d-dħul tiegħu għal din is-sena.

**Tabella 7: Rendikont tad-Dħul tal-Gvern fl-2007**

Il-ġbir mit-taxxa fuq id-dħul se jkun żdied b'31 miljun lira (€72.2 miljuni) u dak mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali se jkun żdied b'14-il miljun lira fuq l-2006.

Id-dħul mid-dwana u s-sisa se jkun żdied b'10 miljun lira (€23.3 miljuni). Taħt din il-kategorija, għalkemm qed jirriżulta li d-dħul li kien mistenni mis-sisa fuq is-sigaretti mhux se jimmaterjalizza kollu, id-dħul mis-sisa fuq il-petroleum se tiżdied bi 12-il miljun lira (€28 miljun) fuq l-2006, li parti minn din iż-żieda hija dovuta għal sisa tal-2006 li, iżda, daħlet fl-2007. Id-dħul mill-boll ukoll huwa mistenni li jiżdied bi 8 miljun lira (€18.6 miljuni), filwaqt li se jkun hemm aktar dħul mill-VAT fl-2007, meta mqabbel mad-dħul attwali tal-2006, b'ammont ta' 7 miljuni (€16.3 miljuni), liema ammont huwa ogħla mill-istima ta' dħul li konna għamilna oriġinarjament għall-2007. Il-Gvern se jdaħħal ftit aktar minn 3 miljun lira (€7 miljuni) mill-iSkema Speċjali ta' Reġistrazzjoni li ġiet imnedija din is-sena. Bħala dħul ta' fondi mill-Unjoni Ewropea, għalkemm id-dħul b'mod globali se jkun anqas fl-2007, minħabba l-kumpens finanzjarju ta' 44 miljun lira (€102.5 miljuni) li daħħalna għall-aħħar darba fl-2006, huwa mistenni li, fl-2007, se jkun hemm żieda fid-dħul mill-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni fuq l-2006, li permezz tiegħu se jkun ibbenefika pajjiżna bi proġetti u inizjattivi li qed jitwettqu.

Nixtieq nirrimarka li ż-żieda fid-dħul tixhed favur il-politika ekonomika u l-għaqal tal-Gvern. Wasalna hawnhekk minkejja li matul dawn l-aħħar żewġ Baġits ma daħħalna

ebda taxxa ġdida u s-sena li għaddiet naqqasna sostanzjalment l-*income tax*.

Għall-2008, il-Gvern qiegħed jipproġetta dħul ta' madwar 58 miljun lira (€135.1 miljuni) aktar minn din is-sena. Nirrepeti Mr. Speaker. Din iż-żieda mhux se tiġi minn xi taxxi ġodda. Se tiġi għaliex se jkun hawn aktar xogħol u aktar investiment.

Din is-sena, qed nistmaw li n-nefqa rikurrenti tal-Gvern tiżdied bi 28 miljun lira (€65.2 miljuni). L-akbar żidiet kienu fuq il-pensjonijiet u s-servizzi soċjali, li żdiedu b'miljun lira (€2.3 miljuni) fix-xahar. In-nefqa fl-edukazzjoni żdiedet b'4 miljun lira (€9.3 miljuni) u kważi 5 miljun lira (€11.6 miljuni) iżjed intefqu fl-ispiża rikurrenti fis-settur tas-saħħa.

In-nefqa rikurrenti għas-sena 2008 se titla' b'29 miljun lira (€67.5 miljuni), li minnhom 20 miljun (€46.6 miljuni) huma żidiet fil-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali. L-ispiża fil-qasam tas-saħħa mistennija tkun 6 miljun lira (€14-il miljun) ogħla minn dik għas-sena 2007. Se jitkompla l-proċess ta' trażżin ta' l-ispejjeż rikurrenti tal-amministrazzjoni tal-Gvern. Il-fondi allokati lid-diversi entitajiet, ħlief għall-MCAST u l-Università, mhux mistenni li jiżdiedu fuq l-2007.

Matul is-sena, irreġistrajna żieda mdaqqsa fl-investiment kapitali fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-ambjent u tal-agrikoltura kif ukoll infiq ta' madwar 41 miljun lira (€96 miljun) fi proġetti ffinanzjati mill-Ħames Protokoll Taljan u oħrajn ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea. Madanakollu, fl-2007 huwa mistenni li l-Gvern jonfoq 6 miljun lira (€14-il miljun) anqas mill-2006 prinċipalment minħabba t-12-il miljun (€28 miljun) anqas minfuqa fuq l-isptar Mater Dei.

Għas-sena d-dieħla, qed nistmaw nefqa ta' 10 miljun lira (€23.2 miljuni) aktar minn din is-sena minkejja nefqa ta' 14-il miljun (€32.6 miljuni) anqas fil-kapital marbut mal-isptar Mater Dei.

**Tabella 8: Dejn Pubbliku**

L-introduzzjoni tal-Ewro se toffri opportunitajiet kif ukoll sfidi ġodda għall-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku. Jekk inkunu kapaċi nimplimentaw strateġiji tajba nistgħu nieħdu vantaġġ mill-fatt li d-dejn pubbliku se jkun denominat f'munita ewlenija nternazzjonali. Iżda biex dan iseħħ irridu nirristrutturaw id-dejn nazzjonali permezz ta' programm mifrux fuq medda ta' tliet snin li filwaqt li ma jżidx id-dejn nazzjonali bla bżonn, jemfasizza aktar il-ħruġ ta' *Stocks* milli s-self għal żmien qasir f'*Bills* tat-Teżor. Għaldaqstant se nfittxu medtodu biex innaqqsu l-frammentazzjoni tad-dejn fit-tul innifsu.

F'termini fiskali, u kif muri t'Tabella numru 9, li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija, se naraw id-dejn tal-Gvern Ġenerali bħala persentaġġ tal-Prodott Nazzjonali Gross jonqos minn 64.72 fil-mija fis-sena 2006 għal 53.27 fil-mija fis-sena 2010.

Fil-prattika, għalhekk, l-ammont ta' self ġdid kif inhu ndikat fl-Abbozz ta' Liġi li qiegħda tiġi ppreżentata ma dan id-diskors jirrifletti dan ir-ristrutturar kif spjegat hawn fuq.

Tabella 9

**IL-BILANC TAD-DEJN TAL-GVERN**

*Ewro'000*

| | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 2,617,400 | 2,733,869 | 2,920,219 | 3,061,463 | 3,103,287 |
| *Bills* tat-Teżor | 373,799 | 374,461 | 231,120 | 104,123 | 6,431 |
| Self tal-*Ex-MDD, MSCL* | 56,778 | 56,778 | 56,778 | 56,778 | 56,778 |
| Self minn barra | 127,718 | 122,108 | 114,527 | 107,703 | 100,881 |
| EBU's | 76,907 | 74,976 | 85,409 | 93,392 | 101,407 |
| **Dejn tal-Gvern (Inklużi EBU's)** | **3,252,602** | **3,362,192** | **3,408,053** | **3,423,459** | **3,368,784** |
| ***Prodott Gross Domestiku*** | ***5,025,344*** | ***5,347,932*** | ***5,675,514*** | ***5,986,953*** | ***6,323,494*** |
| **Dejn bhala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **64.72%** | **62.87%** | **60.05%** | **57.18%** | **53.27%** |

## Inkomplu Ninċentivaw ix-Xogħol u t-Tkabbir Ekonomiku

L-iżvilupp soċjali jiddependi fuq it-tkabbir ekonomiku. B'hekk pajjiżna jista' jibqa' jsostni l-edukazzjoni, is-saħħa u s-servizzi soċjali.

Il-Gvern jemmen li s-settur pubbliku għandu rwol ewlieni fl-iżvilupp ekonomiku. Irridu li naqqsu il-piż tal-amministrazzjoni pubblika fuq l-oqsma produttivi ta' pajjiżna. Matul is-sena d-dieħla, se ninsistu biex jitħaffef il-piż tas-settur pubbliku fuq l-oqsma produttivi b'madwar 6 fil-mija.

Il-Gvern se jagħmel riforma fis-sistema ta' taħriġ li jingħata lill-impjegati tas-settur pubbliku. Se niżviluppaw Ċentru għar-Riċerka u t-Taħriġ bi sħubija ma' l-Università. Dan iċ-Ċentru se jkun ukoll wieħed fejn issir riċerka dwar l-isfidi li pajjiżna jkun qiegħed jiffaċċja, bħal, ngħidu aħna, fil-qasam tas-saħħa, l-ekonomija u l-finanzi, l-edukazzjoni u l-ambjent. Qed nivvotaw is-somma ta' 40,000 lira (€93,100) bħala *seed capital* għat-tnedija immedjata tal-proġett.

Amministrazzjoni pubblika xierqa għandha vantaġġi ekonomiċi wkoll. F'dan il-kuntest il-Gvern għandu l-ħsieb li kif tagħlaq il-konsultazzjoni pubblika dwar il-*White Paper* dwar il-Libertà ta' l-Informazzjoni, iressaq il-liġi fil-Parlament.

Irridu nużaw parti sewwa mill-fondi li ksibna mill-Unjoni Ewropea biex noħolqu x-xogħol u nippreparaw lill-ħaddiema

tagħna biex ikunu f'pożizzjoni li jieħdu l-opportunitajiet ta' xogħol li jinħolqu.

Din is-sena, il-*Malta Enterprise* aċċettat 12-il proġett t'espansjoni minn ażjendi Maltin u internazzjonali stabbiliti f'Malta. Dawn it-12-il proġett se jkunu qed ifissru investiment ġdid ta' madwar 9 miljun lira (€21 miljun) fl-ekonomija Maltija u l-ħolqien ta' aktar minn 800 impieg ġdid.

Se naħdmu biex nilqgħu għaż-żieda fid-domanda għall-fabbriki. Se ninvestu 'l fuq minn 13-il miljun lira (€30.2 miljun) biex niżviluppaw 15,000 metru kwadru ġdid ta' spażju għal fabbriki f'Ħal-Far u 11,000 metru kwadru għal fabbriki fil-Mosta Technopark. L-ewwel minn dawn il-fabbriki jkunu lesti biex jilqgħu inkwilini ġodda fl-aħħar ta' l-2008.

Matul l-2008, se nintroduċu sensiela ta' inizjattivi taħt il-liġi l-ġdida għall-Promozzjoni ta' l-Industrija. Nistmaw li se nkunu qed ninvestu aktar minn 45 miljun Ewro (Lm19.3 miljun) f'għajnuna lill-industrija biex inkattru l-impiegi.

Fil-qafas tal-Politika għall-Industrija li ppublikajna fil-baġit tas-sena li għaddiet, se ninawguraw skemi t'inċentiv għar-riċerka u żvilupp. Se nġeddu l-iskemi tagħna t'għajnuna lill-investiment b'attenzjoni speċjali għal Għawdex. Se ntejbu l-iskemi li noffru lil min jeħtieġ finanzjament biex isaħħaħ l-investiment tiegħu b'rati vantaġġjużi. Se nagħtu attenzjoni speċjali wkoll lill-impriżi iż-żgħar biex inħajru aktar nies jaħdmu għal rashom. Se nlestu inizjattivi li jgħinu impriżi Maltin jiżviluppaw u jsibu klijentela ġdida barra minn Malta

u se nġeddu u naġġornaw l-iskemi li noffru biex ngħinu lill-impriżi jħarrġu lill-impjegati tagħhom.

Qed nivvotaw ukoll 2.3 miljun lira (€5.4 miljun) b'ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropea biex inkomplu ntejbu taż-żoni industrijali għall-intrapriżi ż-żgħar biex dan is-settur ikompli jiżviluppa. Dan huwa settur importanti ħafna u li jiġġenera numru kbir ta' impiegi.

Nidejna l-pjan ta' villaġġ ġdid ta' l-artiġjanat f'Ta' Qali li se jilqa' fih mat-92 negozju, u li mistennija jiġġeneraw aktar minn 400 impieg. Dan huwa investiment ta' madwar 13-il miljun lira (€30.2 miljun) ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea.

Illejla se nivvutaw is-somma rekord ta' 16.8 miljun lira (€39.1 miljun) fis-settur tat-turiżmu. Qed nivvotaw 10 miljun lira u nofs (€24.5 miljun) biex l-Awtorità Maltija għat-Turizmu tkompli bil-ħidma tagħha. Iż-żieda ta' żewġ miljun lira u nofs (€5.8 miljun) hija maħsuba biex tkompli tappoġġja l-linji tal-ajru *low cost*, biex isir reklamar aktar intensiv u biex nappoġġjaw lit-tour operators.

Qed jiġu allokati wkoll 'il fuq minn 5 miljun lira (€11.6 miljun) għal titjib fil-prodott turistiku, inkluż investiment fil-faċilitajiet ta' siti storiċi, żvilupp tal-bajjiet, inkluż il-proġett ta' Buġibba.

Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ se tkompli l-programm estensiv ta' taħriġ għal matul il-ħajja. Se tingħata għajnuna f'forma ta' għotja li tista' tlaħħaq sa 60 fil-mija tal-paga minima nazzjonali biex persuni żvantaġġjati jintegraw ruħhom fid-dinja tax-xogħol. Se jinbeda programm ieħor ta'

taħriġ għal min hu qiegħed. Programm ieħor hu ntiż biex iż-żgħażagħ tagħna, u speċjalment dawk li jitilqu l-iskola kmieni, itejbu l-prospetti tagħhom fil-qasam tax-xogħol. Se jinbeda programm bl-iskop li jgħin l-impieg għan-nisa u li jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja. Flimkien mal-għaqdiet mhux governattivi, se ssir ħidma sabiex nilħqu ċerti kategoriji ta' nies li huma soċjalment esklużi, inħarrġuhom kif ikun hemm bżonn u b'hekk intejbulhom l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol. Qed nivvutaw miljun u nofs lira (€3.5 miljun) għal dawn il-programmi.

Hemm il-ħsieb li tiddaħħal skema fejn persuni li jkunu qiegħda fit-tul jiġu allokati f'postijiet tax-xogħol għal perjodu ta' tliet xhur ma' kumpaniji privati. Dawn se jaħdmu sa massimu ta' 30 siegħa fil-ġimgħa u l-Gvern se jikkontribwixxi sa 75 fil-mija tal-paga minima nazzjonali.

Parti mill-miljuni li qed jiffranka pajjiżna mis-sussidji li kienu jmorru f'ażjendi tal-Gvern falluti qed nużawhom biex nixprunaw l-ekonomija u nagħtu dawn l-inċentivi lil min jaħdem:

1. Se nkomplu bir-riforma tat-taxxa tad-dħul li bdejna tnax-il xahar ilu biex nippremjaw lil min jahdem, kif se nispjega aktar tard;
2. Mill-1 ta' Jannar li ġej, il-Gvern se jħallas l-ewwel sena bolla ta' kull min għandu 'l fuq minn 45 sena u li jkun ilu qiegħed 5 snin, u jakkwista liċenzja tan-negozju biex jibda jaħdem għal rasu;

3. Biex tiżdied il-flessibilità fis-suq tax-xogħol, se jitwaqqaf reġistru għal min qed ifittex ix-xogħol fuq bażi *part-time* biss. ;

4. Is-sistema ta' reġistrazzjoni ta' nies qiegħda se tinbidel biex tinċentivahom jieħdu opportunitajiet ta' xogħol temporanju. Dan billi ma jitilfux l-prijorità ta' reġistrazzjoni u li terġa' tiġi kkreditata l-bolla meta jispiċċa x-xogħol temporanju;

5. Mill-1 ta' Jannar, il-*leave* tal-maternità mħallas se jiżdied b'ġimgħa oħra għal 14-il ġimgħa. L-ispiża għal din il-ġimgħa żejda se tinġarr mill-Gvern permezz ta' kreditu għall-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali mħallsa minn min iħaddem. Dawk in-nisa li huma intitolati għall-benefiċċju tal-maternità, se jiżdidilhom il-benefiċċju b'ġimgħa oħra għal 14-il ġimgħa.

Konvinti li dawn il-miżuri kollha se jkomplu jsaħħu l-ekonomija u joħolqu aktar postijiet tax-xogħol u xogħol aħjar.

**Għawdex Gżira ta' Potenzjal u Opportunitajiet Uniċi**

Mr. Speaker,

Illejla se nħabbar żieda ta' miljun lira u nofs (€3.5 miljun) fin-nefqa f'Għawdex biex insostnu il-familji Għawdxin fl-impenn tagħhom li joħorġu l-potenzjal u l-opportunitajiet uniċi ta' din il-Gżira.

Illejla se nħabbar miżuri u proġetti li jkomplu joħolqu x-xogħol, isebbħu l-ambjent, jippremjaw l-inizjattiva, u jtejbu l-prodott turistiku, kulturali u artistiku Għawdxi.

Mr. Speaker,

Għawdex illum huwa l-Għawdex li qed isawwar il-Viżjoni 2015 u jissawwar minn din il-Viżjoni. Fil-Viżjoni tal-poplu Malti u Għawdxi, li jeċċella fl-edukazzjoni, fis-saħħa, fis-servizzi finanzjarji, fl-industrija speċjalizzata, f'turizmu ta' kwalita', u fl-IT, hemm id-dimensjoni Għawdxija. Għawdex huwa wkoll element essenzjali tal-Vizjoni 2015. Nemmnu f'Għawdex b'riżorsi umani ta' kwalità, b'ambjent naturali, pajsaġġ u wirt kulturali uniċi, destinazzjoni turistika distinta, komunità li toffri servizzi soċjali u mediċi mill-aqwa, soċjetà fejn il-persuna u l-kwalità tal-ħajja huma fiċ-ċentru ta' kull żvilupp. Nemmnu f'Għawdex li qed jinbidel kuljum minn reġjun żvantaġġjat għal gżira b'potenzjal u opportunitajiet uniċi.

Il-familji Għawdxin se jgawdu minn dak kollu li qed inħabbar f'dan il-Baġit fl-edukazzjoni, fis-saħħa, fix-xogħol, u oqsma oħra. Imma ma nistgħux inħarsu lejn Għawdex mill-lenti ta'

Malta biss. Il-progress soċjali u ekonomiku miksub f'Għawdex s'issa huwa frott ta' tmexxija li għarfet li ma tistax tmexxi lil din il-gżira daqs li kieku kienet biss distrett f'Malta.

Mr. Speaker

Il-Gvern immexxi minni, fl-aħħar tliet snin, emmen bis-sħiħ fil-kapaċita' tal-familji Għawdxin. Kien hemm min beża' li mas-sħubija fl-EU Għawdex ser jiġi miknus mill-mappa. Dan ma seħħx. Anzi ġara l-kuntrarju. Rajna lil Għawdex igawdi minn żvilupp kbir kif spjegat f'Tabella 10.

**Tabella 10: Proġetti f'Għawdex wara s-sħubija fl-Unjoni Ewropea**

| |
|---|
| Toroq ġodda, impjant għat-trattament tad-dranaġġ, proġetti għall-avvanz ta' l-industrija tad-*diving*, estenzjoni taċ-Ċentru għall-Arti u Snajja, skemi u korsijiet mill-ETC, korsijiet miċ-Ċentru ta' Universita u miċ-Ċentru għall-Arti u Snajja, diversi skemi, progetti u opportunitajiet ta' żvilupp personali, titjib qawwi fl-Isptar Ġeneral t'Għawdex u fl-iskejjel, u titjib sostanzjali fil-mużew prinċipali. |

Dan is-suċċess kien possibbli għax ma mxejniex waħedna. Ħdimna flimkien mas-soċjeta' ċivili f'Għawdex, mal-*Gozo Business Chamber*, il-*Gozo Tourism Association*, mal-Assoċjazzjoni ta' l-Organizzazjonijiet mhux Governattivi, il-koperattvi fil-qasam ta' l-agrikoltura, il-Kunsilli Lokali u oħrajn. Dawn ilkoll għenu biex jintagħzlu l-aħjar proġetti għal Għawdex u biex dawn jitwettqu. Filwaqt li nirrikonoxxi u nirringrazzja s-sehem ta' dawn l-organizzjonijiet fit-tmexxija t'Għawdex f'dawn l-aħħar tliet snin, il-Gvern sema' ukoll dak li qalu fil-preparament ta' dan il-Baġit.

Il-Gvern jemmen li dan kollu huwa biss il-bidu. Baqgħalna ħafna x'nagħmlu flimkien.

Mr. Speaker

It-tranżizzjoni ekonomika ta' Malta ġrat f'Għawdex ukoll. Il-problemi ta' kompetittività minħabba l-insularità ta' Malta laqtu aktar lil Għawdex. Kien jeħtieġ ħsieb ġdid u ideat ġodda biex l-ekonomija Għawdxija tingħata spinta ġdida.

Irfinajna l-prijoritajiet tagħna għal Għawdex u rrijaffermajna sett ta' prinċipji ċentrali għall-politika tagħna għal Għawdex.

**Tabella 11: Prinċipji Ċentrali tal-Politika għal Għawdex**

| |
|---|
| L-ewwel, li s-sehem Għawdxi fl-attività ekonomika ta' Malta għandu fejn jikber u dan għandu jitkattar b'mod li jkun sostenibbli u konsistenti. It-tieni, li Għawdex għandu jkun aċċessibbli u għandu jitneħħa jew ikun ikkumpensat kull żvantaġġ fiżiku għall-fatt li Għawdex hu gżira għalih. It-tielet, li t-turiżmu għandu jibqa' attività ekonomika ewlenija tal-gżira u allura, anke għal dan il-fatt biss – apparti ħafna raġunijiet oħra – s-sostenibbiltà ambjentali u l-preżervazzjoni tas-sbuħija tal-gżira huma essenzjali. |

Tul is-sena li għaddiet, f'Għawdex sar ħafna xogħol kif deskritt f'tabella 12.

**Tabella 12: Il-Ħidma tal-Gvern f'Għawdex matul l-2007 fil-Qosor**

Matul din is-sena l-Gvern ħadem u investa bis-sħiħ fit-tisħiħ ta' l-ekonomija, l-infrastruttura u l-kwalità tal-ħajja f'Għawdex. Allokajna s-somma rekord ta' madwar 5 miljun lira (€11.6 miljun) għall-proġetti kapitali f'Għawdex.

Aktar minn 430 Għawdxi bbenefika b'mod dirett minn skemi u korsijiet li saru speċifikament għal Għawdex permezz ta' fondi ta' l-Unjoni Ewropea u l-Gvern Malti tul din is-sena.

L-avvanzi kbar li għamilna fl-IT għamluha possibbli biex niżviluppaw l-opportunitjiet ġodda ta' xogħol f'Għawdex għall-ħaddiema tal-Gvern f'xogħol amministrattiv. Diversi taqsimiet ġew trasferiti għal Għawdex tul din is-sena.

Marbut mal-qasam ta' l-impiegi, l-Gvern lesta l-bini ta' l-ewwel *Crafts Incubation Centre* għal Għawdex.

L-ekonomija ta' Għawdex tiddependi b'mod sostanzjali fuq l-andament ta' l-industrija turistika. Din is-sena rajna mhux biss riżultati pożittivi fejn jidħol in-numru ta' turisti li żaru u, aktar importanti minn hekk, li qagħdu f'Għawdex, imma rajna wkoll aktar proġetti u inizjattivi mwettqa mill-Gvern flimkien mal-privat bil-għan li l-prodott turistiku ta' Għawdex ikompli jitjieb.

1 It-terminal tal-passiġġieri fl-Imġarr, Għawdex, tlesta u għandu jiġi inawgurat fil-ġimgħat li ġejjin;
2 Lestejna l-proġett marbut ma' l-industrija tad-*diving*, dak ta' l-immodernizzar tal-Mużew ta' l-Arkeoloġija u t-twaqqif ta' Ċentru temporanju għall-Viżitaturi fil-Ġgantija;
3 Nidejna proġett ta' master plan għaċ-Ċittadella. Fl-istess żmien wettaqna xogħlijiet ta' restawr fiċ-Ċittadella;

4 Nidejna kompetizzjoni għal disinn għaż-"Żewwieqa Waterfront";

5 Sar ix-xogħol ta' ppjanar fuq il-proġett tal-Villa Rundle;

6 Investejna 40,000 lira (€93,200) f'għajnuna finanzjarja lill-għaqdiet, kunsilli lokali jew entijiet oħra biex jorganizzaw attrazzjonijiet kulturali, b'emfasi fuq ix-xhur tax-xitwa. Dan l-investiment flimkien ma' dawk organizzati mill-Gvern bħal "Lejlet Lapsi Notte Gozitana" wassal biex kellna sena *record* f'attivitajiet soċjali u kulturali f'Għawdex.;

7 Fl-istess ħin, ħloqna skemi mill-Gozo Channel li nċentivaw il-vjaġġ lejn Għawdex, kif ukoll investejna fir-reklamar ta' Għawdex b'riżq it-turiżmu domestiku; u

8 Dan kollu, flimkien mad-diversi inizjattivi li ħadet il-Gozo Channel, għenu biex kellna suċċess fin-numru tat-turisti Maltin u barranin li żaru u qagħdu f'Għawdex.

Fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, immodernizzajna l-iswali ġenerali tan-nisa u ta' l-irġiel kif ukoll is-sala ta' l-ikel.

Inbeda x-xogħol fuq il-bini ta' skola sekondarja ġdida għas-subien, li tinkludi wkoll parkeġġ taħt l-art u faċilitajiet sportivi għall-użu anke mill-komunità. Dan huwa proġett ta' 3 miljun lira (€7 miljun).

Saru diversi proġetti ta' mmodernizzar u bini ta' faċilitajiet ġodda fl-iskejjel primarji ta' Għajnsielem, Nadur, Victoria, Xewkija u Żebbuġ, fl-iskola sekondarja tal-bniet Agius de Soldanis u fiċ-Ċentru għal Studji Ogħla Sir Mikelanġ Refalo.

Investejna bil-kbir fl-ambjent t'Għawdex. Mhux biss issoktajna bit-twettieq tal-proġett ta' immaniġġjar tad-Dwejra, il-Master Plan tad-Dranaġġ, il-bini ta' *pumping station* fin-Nadur, u l-bini ta' l-Impjant għat-Trattament tad-Dranaġġ f'Ras il-Ħobż, imma investejna f'sistema ta' pannelli solari għall-produzzjoni ta' l-elettriku li jifformaw dak li hu l-ikbar impjant ta' enerġija rinnovabbli fil-gżejjer Maltin u li qiegħed jiġġenera enerġija li tintuża miċ-Ċentru Amministrattiv tal-Ministeru għal Għawdex.

Mr. Speaker,

Ix-xogħol kollu li twettaq s'issa, il-finanzi fis-sod għal pajjiżna, il-viżjoni ċara li għandna għal Għawdex, ix-xewqat li qasmu magħna l-familji u l-għaqdiet Għawdxin, wassluna għal dan il-programm.

Matul is-sena d-dieħla se nkomplu diversi proġġetti u programmi u nniedu oħrajn ġodda:

1. L-ETC se tniedi korsijiet u inizjattivi ġodda għall-iżvilupp tar-riżorsi umani, l-aktar dawk li qed ifittxu x-xogħol. ;

2. L-iskemi ta' l-ETC li jagħtu taħriġ, għajnuna teknika u *grants* biex persuna bla xogħol tibda taħdem għal rasha se jkollhom benefiċċji speċjali u addizzjonali għall-Għawdxin;

3. L-Iskema ta' Għajnuna għall-Impieg f'Għawdex, *Gozo Employment Aid Scheme*, tnediet din is-sena bl-iskop li tinċentiva l-ħolqien ta' l-impiegi f'Għawdex billi tiffinanzja parti sostanzjali mill-ispejjez ta' min jimpjega persuna bla xogħol. S'issa din l-iskema ma ħallietx ir-riżultati mixtieqa. Għalhekk din l-iskema ser titwessa billi jitneħħa l-minimu ta' ħames impiegi ġodda biex tikkwalifika għall-għajnuna;

4. Ser jitkompla t-trasferiment ta' aktar xogħol amministrattiv tal-Gvern lejn Għawdex;

5. Il-Gvern ser jibni Ċentru ta' *Back Office* ġdid biex jiżdied il-potenzjal ta' Għawdex li joffri opportunitajiet ġodda f'dan it-tip ta' xogħol;

6. Jitkompla u jitlesta l-proġett tat-*Training Hotel* fil-Qala;

7. Ser jitkompla l-bini ta' l-Iskola Sekondarja Ġdida tas-subien, it-titjib fl-iskejjel u fiċ-Ċentru ta' l-MCAST fix-Xewkija;

8. Fl-Isptar t'Għawdex, se tiġi żviluppta Taqsima tar-Radjoloġija u tiġi mgħammra wkoll t-tieni sala ta' l-operazzjonijiet moderna;

9. Se jkompli l-investiment fil-qasam tal-biedja u s-sajd f'Għawdex bit-tkomplija tal-proġett tal-biċċerija u bix-xiri ta' friżi għall-użu mis-sajjieda Għawdxin;

10. Se ssir it-tieni parti ta' Triq l-Imġarr, il-bini mill-ġdid ta' Triq Ta' Pinu u Triq ix-Xlendi bil-fondi Ewropej, filwaqt li b'fondi nazzjonali jitkompla l-programm ta' titjib ta' toroq arterjali u residenzjali;

11. Il-Gvern se jerga' jinvesti 40,000 lira (€93,200) fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet soċjali u kulturali f'Għawdex;

12. Fix-Xlendi se jinbnew faċilitajiet biex Għawdex ikun jista' igawdi mill-waqfa ta' Cruise Liners.

13. Jitlesta l-proġett ta' rijabilitazzjoni ta' Gnien Villa Rundle fir-Rabat;

14. Jinbeda l-proġett ta' rijabilitazzjoni tax-Xatt taż-Żewwieqa u l-Port l-Antik ta' l-Imġarr;

15. Il-Gvern ser iniedi programm biex iż-żewġ teatri f'Għawdex jkunu jistgħu jintużaw għal konferenzi matul is-sena kollha. Dan għandu jkompli jtejjeb il-prodott turistiku f'Għawdex;

16. Il-Heritage Malta se tkompli bil-proġett ta' konservazzjoni tat-Tempju tal-Ġgantija u l-inħawi bl-iskop li nagħmlu mix-Xagħra ċentru turistiku nazzjonali marbut mal-prejistorja ta' Għawdex u Malta;

17. Se jinbeda il-proċess biex f'Għawdex jitwaqqaf mużew ta' arti moderna u kontemporanja ta' livell nazzjonali;

18. Se nkomplu bir-rijabilitazzjoni tal-miżbla tal-Qortin kif ukoll proġetti relatati mal-immaniġjar ta' l-iskart solidu;

19. Il-Gvern se jivvota kwart ta' miljun lira f'inizjattivi ġodda ta' afforestazzjoni, rijabilitazzjoni ta' widien, immaniġġjar ta' l-ambjent Għawdxi. Dan il-proġett, permezz tal-Environmental Landscapes Consortium, għandu joħloq 50 impieg ġdid f'Għawdex u, se jwassal għal qabża oħra fil-kwalità fid-dehra ta' Għawdex; u

20. Il-Gvern se joffri art lil istituzzjonijiet edukattivi ta' reputazzjoni internazzjonali li jkunu interessati jiżviluppaw *campus* tagħhom ġewwa Għawdex u jipprovdu programmi edukattivi primarjament indirizzati lejn studenti internazzjonali.

Mr. Speaker,

Nixtiequ nagħmlu ħafna aktar għal Għawdex. Qed nagħmlu dak kollu possibbli fil-limiti ta' dan il-Baġit.

Minix kuntent bil-livell tal-qagħad f'Għawdex. Minkejja l-miljuni li poġġejna f'għajnuna għal investiment f'Ghawdex, xorta għad m'hemmx l-iżvilupp li nixtieq nara. Ma nikkuntetawx ruħna li ahna fl-istess livell ta' nies qiegħda f'Għawdex bħalma konna għaxar snin ilu. Irridu naraw f'Għawdex l-istess suċċess li rajna f'Malta f'dawn l-aħħar snin.

Determinati li naslu. Anzi, ċerti li naslu. Ngħid ċerti, għax il-poplu Għawdxi huwa poplu ħawtiel. Għax nemmnu fil-Viżjoni li l-poplu Għawdxi għandu għalih innifsu. Għax qed inpoġġu 85 miljun ewro (Lm36.5 miljun) mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea għall-iżvilupp ta' Għawdex sas-sena 2015.

L-istabilità ekonomika u fiskali li ġibna f'pajjiżna rridu nsarfuha fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja tal-familji Għawdxin kollha. Anke l-familji Għawdxin jistgħu jħarsu 'l quddiem fis-sod.

Dan hu l-Għawdex taghna. Dan hu l-Għawdex li rridu ngħaddu lil uliedna.

## L-Edukazzjoni: Pilastru Ewlieni fil-Politika tal-Gvern

Mr Speaker,

L-edukazzjoni hija fil-qalba ta' l-isforzi tagħna biex il-Maltin kollha jseddqu l-personalità sħiħa tagħhom, biex il-Maltin kollha jiżviluppaw it-talenti tagħhom, u biex il-Maltin kollha jkunu kapaċi jaħtfu l-opportunitajiet ta' xogħol ġodda li qed inġibu lejn pajjiżna.

Fl-2005, bdejna billi smajna lil kull min hu nvolut u flimkien tlaqna fuq ir-riforma "Biex Uliedna Jirnexxu Lkoll". Matul is-sena li għaddiet ħloqna b'liġi il-bażi għar-riforma u bdejna l-kulleġġi. Din is-sena għalaqna l-ftehim ma' l-għalliema, permezz tal-*union* tagħhom l-MUT, dwar ir-riforma fil-qasam ta' l-edukazzjoni li jinkludi 70 miżura. Irridu li sa l-2015 Malta tkun rikonoxxuta bħala ċentru ta' servizzi edukattivi ta' kwalità li jattira lejn xtutna numru akbar ta' studenti barranin fil-livelli ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla.

Dan kollu b'għan wieħed: li niżguraw ġejjieni fis-sod għal uliedna.

### Bini u Mmodernizzar ta' Skejjel

Wettaqna xogħol kbir ta' manutenzjoni, estensjonijiet, bini ta' diversi swali u mmodernizzar f'40 skola f'Malta u Għawdex. Qed nistmaw li din is-sena se nkunu investejna s-somma ta' 5.6 miljun lira (€13 miljun)..

**Tabella 13: Investiment Kapitali fl-Edukazzjoni matul l-2007**

| |
|---|
| Lestejna l-iskola sekondarja ġdida f'Ħal Qormi u bdiet tintuża miż-żgħażagħ tagħna. Fl-istess ħin, ix-xogħol fuq l-iskola ġdida tas-sekondarja għas-subien f'Bormla jinsab fi stadju avvanzat. Bdejna wkoll ix-xogħol fuq skola oħra ġdida tas-sekondarja għas-subien f'Għawdex.<br><br>Komplejna nsaħħu, inkabbru u ntejbu l-edukazzjoni avvanzata u ogħla. Wara investiment ta' 600,000 lira (€1,397.6 miljun) fl-iSkola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi fin-Naxxar fejn irdoppjajna l-kapaċità ta' din l-iskola, din is-sena se nlestu l-immodernizzar tal-faċilità sportiva ta' din l-iskola.<br><br>Apparti dak li vvutajna fl-Estimi għal din is-sena, f'nofs is-sena l-Gvern għadda 400,000 lira oħra (€931,700) lill-Università biex isiru numru ta' inizjattivi u programmi, fosthom it-twaqqif tal-Fakultà tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni.<br><br>Din is-sena, il-Gvern approva wkoll il-*Masterplan* għall-iżvilupp ta' *campus* ġdid għall-MCAST b'investiment ta' 50 miljun lira (€116.5 miljun) mifrux fuq numru ta' snin. Lestejna l-bini l-ġdid għall-Istitut għas-Servizzi fil-Komunità ta' l-MCAST.<br><br>Waqqafna l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla. Saret ukoll ħidma importanti mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki biex nibnu għodda siewja ħafna għaż-żgħażagħ u l-ħaddiema tagħna fiċ-ċertifikazzjoni tal-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom. |

## Miżuri għal Tagħlim Aħjar

Iżda, is-suċċess fl-edukazzjoni ma jitkejjilx biss mill-faċilitajiet li jeżistu jew jinbnew. Il-mod u l-kwalità ta' kif isir it-tagħlim huma daqstant importanti. Din is-sena komplejna ninsġu aktar skejjel f'Kulleġġi u l-ħolqien ta' *network* ta' l-iskejjel speċjali li jwasslu f'esperjenza edukattiva aħjar u aktar inklussiva għat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Qed ninvestu aktar fit-taħriġ ta' l-għalliema wkoll. Hawn nixtieq nirringrazzja lill-għalliema tagħna. Grazzi għall-impenn tagħkom fl-

edukazzjoni ta' uliedna. Intom qed tagħtu lill-uliedna u lill-familji tagħna ċ-ċavetta għal futur isbaħ u fis-sod.

**Il-Ħidma Tagħna għas-Sena 2008**

Qed inpoġġu s-somma rekord ta' 102 miljun lira (€237.5 miljun) biex matul l-2008 insaħħu l-familji tagħna permezz ta' l-edukazzjoni b'9 miljun lira (€21 miljun) aktar minn dak li mistenni nonfqu din is-sena.

Għal darb'oħra qed nallokaw 13-il miljun lira (€30.3 miljun) għall-iskejjel tal-Knisja, u 8.3 miljuni (€19.3 miljun) għall-istipendji lil aktar minn 15,000 student.

**Aktar Miżuri fl-Edukazzjoni Obbligatorja**

Matul is-sena d-dieħla se nkomplu nsaħħu l-edukazzjoni għal dawk li huma taħt is-16-il sena. Fis-sentejn li għaddew, introduċejna l-ewwel seba' Kulleġġi ta' l-iskejjel ta' l-Istat; matul is-sena d-dieħla se nwaqqfu l-aħħar tliet Kulleġġi. B'hekk inkunu insiġna l-113-il skola tal-Gvern f'għaxar Kulleġġi. L-iżvilupp edukattiv ta' uliedna se jissaħħaħ.

Irridu nkomplu nimplimentaw r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Spiteri dwar l-Edukazzjoni Nklussiva għall-Persuni b'Diżabilità. Dawn ikunu implimentati fil-kuntest tal-politika edukattiva tal-Gvern.

Matul is-sena d-dieħla se ntejbu l-kwalità tal-*kindergartens*, u tat-tagħlim fil-livell primarju u sekondarju. Se nieħdu miżuri favur it-tisħiħ ta' l-iżvilupp professjonali ta' l-għalliema tagħna. Se nsaħħu l-programm tal-verifika tal-kwalità tat-

tagħlim u nintroduċu sistema ta' assessjar kontinwu. Se nwettqu pjan għat-tiġdid tas-sistema ta' l-edukazzjoni inklussiva. Se niżviluppaw programm ta' wara l-ħin ta' l-iskola biex ikompli jgħin lil uliedna jiżviluppaw. Se nibdew servizzi ta' appoġġ fil-qasam ta' *counselling, career guidance, psychological services* u *social work*.

Uliedna huma l-mimmi ta' għajnejna. Huma l-qalba tal-familja tagħna. Irridu l-aħjar għalihom. Irridu nagħtuhom l-aqwa futur. Hekk għamilna u hekk se nkomplu nagħmlu.

**Skejjel Ġodda u Isbaħ**

Qed nipproġettaw li s-sena d-dieħla ninvestu mas-6 miljun lira (€14 miljun) oħra f'bini u mmodernizzar ta' skejjel permezz tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada.

Sa bħal-lum sena, is-subien tal-Kottonera se jżanżnu l-iskola sekondarja ġdida li qed nibnu fuq Tal-Verdala. It-tfal t'Għawdex se jibdew użaw l-ewwel fażi ta' l-iskola l-ġdida sekondarja tas-subien. Ftit ġimgħat oħra se nibdew nibnu skola primarja f'Pembroke. Qed nistennew il-permessi biex nibdew ix-xogħol fuq skola sekondarja oħra ġdida fil-Mosta. Se nlestu l-estensjoni fl-iskola sekondarja tal-bniet fl-Imrieħel, kif ukoll s-sala fl-iskola primarja ta' Marsaxlokk. Se nkomplu nimmodernizzaw il-*Junior Lyceum* tas-subien fil-Ħamrun.

***e-Learning***

Irridu li t-tfal fl-iskejjel primarji u sekondarji tagħna jitgħallmu bl-aktar teknoloġija moderna. Se nbiddlu l-*computers* li hemm fil-klassijiet u nipprovdu aktar *computers*,

*projectors* u *interactive whiteboards*. Se ndaħħlu mezzi biex l-istudenti jkollhom aċċess għal materjal ta' tagħlim ta' kwalità għolja mill-iskola u mid-dar. Ma' dan se naħsbu għall-materjal u taħriġ ta' kwalità għall-għalliema. Se nagħtu wkoll il-possibilità lill-ġenituri li jsegwu mill-qrib il-progress ta' uliedhom. Sa l-aħħar ta' l-2008, aktar minn 57,000 student fl-iskejjel primarji u sekondarji tagħna se jgawdu minn din it-teknoloġija ġdida.

**Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla**

Irridu li sa l-2015, 85 fil-mija taż-żgħażagħ li jagħlqu sittax-il sena jkomplu l-edukazzjoni.

Il-Gvern qed jalloka 5 miljun u tliet mitt elf lira (€12.3 miljuni) f'investiment kapitali għall-Università u 5 miljun u mitejn elf lira (€12.1 miljun) għall-MCAST. Fost il-proġetti ġodda ta' l-Universita' insibu il-fakultà ġdida tat-Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, laboratorji ta' l-inġinerija, il-kimika, u l-bijoloġija; u l-estensjoni fil-bini tal-*Junior College*, fejn issa lħaqna it-3,000 student. Numru minn dawn il-proġetti se jkunu ko-finanzjati ukoll mill-Unjoni Ewropea.

Inżid li l-vot rikurrenti ta' l-Università li għal din is-sena se jkun ta' 1.2 miljun lira (€2.8 miljuni) aktar minn dak li vvutajna s-sena li għaddiet. B'hekk l-Università tkompli ssostni numru ta' korsijiet ġodda li se tiftaħ.

Meta ħloqna l-MCAST, il-Gvern bagħat messaġġ qawwi ta' fiduċja fil-kapaċità taż-żgħażagħ u l-ħaddiema Maltin. Irridu nagħtu lill-poplu tagħna l-għodda biex jaħtfu l-opportunitajiet kollha li għandhom quddiemhom.

Mr. Speaker, għad fadlilna ħafna iżjed x'nagħmlu. Lestejna il-*Master Plan tal-campus* ta' l-MCAST f'Raħal Ġdid u ressaqna l-pjanijiet quddiem il-MEPA. Qed nallokaw miljun lira (€2.3 miljuni) ħalli s-sena d-dieħla nibdew ix-xogħol. Se nimmodernizzaw numru ukoll ta' laboratorji u *workshops* ta' l-MCAST f'Malta u f'Għawdex. Qed inżidu wkoll 800,000 lira (€1.9 miljuni) fil-vot rikurrenti ta' l-MCAST.

Investejna aktar minn miljun lira (€2.3 miljuni) fis-sħubija tagħna ma' ċentri ta' taħriġ privati ta' l-IT li qed joffru varjetà ta' madwar 60 ċertifikat li jvarja minn diploma sa *Masters degree* ta' Universitajiet barranin. Bħalissa hemm 670 persuna li qed igawdu minn dan il-benefiċċju. Dan jikkumplimenta l-provvista ta' studenti u gradwati li qed jipprovdu l-MCAST u l-Università.

Għat-tielet sena konsekuttiva, il-Gvern qed jivvota somma oħra ta' 200,000 lira (€465,900) biex jingħataw f'boroż ta' studju f'livell ta' *Masters* u Ph.D permezz tal-*Malta Government Scholarship Scheme*.

F'dan l-isfond ma nistax ma nsemmix ukoll l-inizjattiva *myPotential II.* Irduppjajna l-investiment li għamilna biex inħarrġu mijiet ta' nies li jridu javvanzaw l-istudji tagħhom fit-teknoloġija u jilħqu l-potenzjal veru tagħhom. Bil-krediti fiskali li tajna, kull min studja f'korsijiet privati tat-teknoloġija spiċċa ħa lura kull ma ħallas. L-iskema kienet, u hi miftuħa wkoll, għal min iħaddem biex ikompli jħarreġ lill-impjegati tiegħu.

**Għoti ta' l-Istipendju lil Studenti Maltin Residenti f'Malta li iżda qed jagħmlu Kors għall-Ewwel *Degree* Universitarju Barra l-Pajjiż**

Issa li qegħdin fl-Unjoni Ewropea, l-opportunitajiet ta' tagħlim f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni f'livell universitarju kibru u jistgħu jintlaħqu minn ħafna aktar Maltin milli qatt qabel. Inqisu li wasal iż-żmien li ngħinu wkoll liż-żgħażagħ tagħna li, għal diversi raġunijiet, jagħżlu li jmorru barra biex jistudjaw għall-ewwel grad universitarju tagħhom. Għalhekk, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla, se noħolqu skema li, mis-sena akkademika li jmiss, taħseb għal għajnuna lill-istudenti li jmorru jistudjaw barra għall-ewwel grad.

**Sports**

Komplejna nżidu u ntejbu l-faċilitajiet sportivi pubbliċi. Ix-xogħol fuq il-kumpless sportiv reġjonali f'Ħal Kirkop huwa avvanzat u mistenni jkun lest minn kollox sa Ġunju li ġej. Sa l-aħħar tas-sena se jkunu tlestew tliet grawnds oħra b'terf artifiċjali fi skejjel f'Ħal Qormi, il-Ħamrun u n-Naxxar. Se nibdew ix-xogħol fuq il-faċilità sportiva f'Ħal Luqa. Il-Kunsill Malti għall-Isport ippubblika l-iStrateġija Nazzjonali għall-iSport għat-tliet snin li ġejjin.

Għall-2008, il-Gvern qed jalloka direttament lill-Kunsill Malti għall-iSport is-somma ta' 1.5 miljun lira (€3.5 miljuni), li hi 300,000 lira (€698,800) aktar mill-estimi approvati għal din is-sena.

Nemmnu li l-isport huwa fundamentali biex ikollna poplu aktar b'saħħtu. Għalhekk:

1. Il-ġenituri li jibgħatu lit-tfal tagħhom għal attivitajiet sportivi, approvati mill-Kunsill Malti għall-Isport, se jkunu jistgħu jnaqqsu sa massimu ta' 100 ewro (Lm42.93) fuq miżati mid-dħul taxxabbli;

2. Il-Gvern se jagħti lura l-VAT imħallsa minn għaqdiet sportivi rikonoxxuti, u li ma jaħdmux għal skop ta' qligħ, fuq l-ispejjeż li jkunu għamlu fil-faċilitajiet sportivi tagħhom;

3. Il-Gvern se jibda programm fl-iskejjel kollha biex tfal u żgħażagħ, hi x'inhi l-abilità tagħhom, jieħdu sehem fi programm ta' attività fiżika;

4. Kumpaniji privati li jappoġġjaw finanzjarjament parteċipazzjoni ta' għaqdiet sportivi jew atleti f'*events* sportivi nazzjonali u internazzjonali se jkunu jistgħu jnaqqsu l-għotjiet finanzjarji mid-dħul taxxabbli; u,

5. Il-Gvern irid jissieħeb ma' l-*employers* privati biex flimkien itejbu l-iskemi li permezz tagħhom impjegati li jiddistingwu ruħhom f'xi dixxiplina sportiva jkunu jistgħu jsegwu aħjar programmi ta' taħriġ meħtieġa għal parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet nazzjonali u internazzjonali.

**Il-Qasam Kulturali**

Il-Gvern jemmen ukoll fil-potenzjal tal-oqsma kreattivi, artistiċi u kulturali. Apparti li dawn l-oqsma huma ta' valur

fihom infushom, inħossu li dawn l-oqsma jistgħu jgħinu bil-kbir fl-iżvilupp tal-ekonomija u tal-kwalità tal-ħajja tagħna. Irridu nippromwovu u nappoġġjaw l-oqsma kreattivi u artistiċi. Għalhekk qed inħabbar dawn il-miżuri:

1. Il-ħlas tal-VAT fuq il-kiri ta' spazji għal attivitajiet artistiċi u kulturali, kif ukoll fuq id-dħul għal mużewijiet, esibizzjonijiet artistiċi, kunċerti u teatri (bl-esklużjoni taċ-ċinema) se titniżżel għal 5 fil-mija mit-18 fil-mija tal-lum;

2. Se neżentaw mill-ħlas tal-VAT, ukoll, kull taħriġ fl-arti sakemm dan ikun qiegħed jingħata minn organizzazzjonijiet akkreditati mir-Reġistru għall-Akkreditazzjoni fit-Taħriġ tal-Arti;

3. Wasal iż-żmien li ninċentivaw il-produzzjoni tal-film Malti. Għalhekk, se jitwaqqaf *Film Fund* biex ninċentivaw u ngħinu lill-films lokali. Se niddedikaw 100,000 lira (€232,900) biex jinbeda dan il-fond;

4. Se jinħoloq Fond għall-Arti biex igħin l-iżvilupp artistiku u kulturali ta' pajjiżna. Dan il-fond se jinbeda bis-somma ta' 100,000 lira (€232,900);

5. Kumpaniji li jagħtu għajnuna finanzjarja lil għaqdiet kulturali rikonoxxuti li ma jaħdmux bi qligħ u jew lill-Fond għall-Arti, se jkunu jnaqqsu dawn l-għotjiet mid-dħul taxxabli;

6. Kumpaniji li jagħtu għajnuna jew *scholarships* lill-artisti Maltin se jkunu ntitolati jnaqqsu dawn l-għotjiet mid-dħul taxxabli sa massimu ta' 8,000 lira (€18,600);

7. Persuni impjegati fis-settur pubbliku u li jkunu qegħdin jaħdmu b'mod semi-professjonali fl-oqsma kreattivi, se jkunu jistgħu jitolbu *leave* mingħajr ħlas għal żmien definit biex jiżviluppaw jew jaħdmu fuq proġetti artistiċi;

8. Irridu li l-Orkestra Nazzjonali tikber u ssir Orkestra Filarmonika. Għalhekk, il-Gvern qed iżid il-vot ta' l-Orkestra Nazzjonali b'130,000 lira (€302,800) għal 420,000 lira (€978,300);

9. Pajjiżna qed jinvesti bil-kbir f'ħafna proġetti ta' infrastruttura. Minn issa 'l quddiem, 0.25 fil-mija ta' l-ispiża ta' kull proġett kapitali jew infrastrutturali għandhom jintefqu fuq xogħlijiet ta' l-arti, infrastruttura marbuta mal-oqsma kreattivi jew fuq proġetti oħra kreattivi; u

10. Fil-qasam taż-żgħażagħ, il-Gvern qed jalloka s-somma ta' 30,000 lira (€69,800) lill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ biex isiru inizjattivi mal-Kunsilli Lokali taż-żgħażagħ li hemm f'numru ta' lokalitajiet.

## Inkomplu Nsebbħu u Nħarsu l-Ambjent

Mr Speaker,

Il-politika tal-Gvern mhix biss li jsib bilanċ bejn l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali, u l-konservazzjoni ta' l-ambjent naturali. Aktar minn hekk, irridu nibnu sinerġija bejn dawn it-tliet oqsma. Il-kwalità tal-ħajja tal-poplu tagħna ma tiġix biss mill-iżvilupp ekonomiku imma wkoll mill-ħarsien u l-iżvilupp ta' l-ambjent tagħna. Nemmnu wkoll li inizjattivi tajba favur l-ambjent iwasslu għal żvilupp ekonomiku u soċjali akbar, aktar sħiħ u sostenibbli.

Irridu li l-Malta li ngħaddu lil uliedna tkun isbaħ. Għalhekk poġġejna lill-ambjent fuq nett fl-aġenda tal-Gvern.

Permezz ta' dan il-Baġit qed nivvutaw 84 miljun lira (€195.6 miljuni), 6 miljuni (€14-il miljun) iżjed mis-sena li għaddiet, biex Malta tkun isbaħ.

*Il-Wirt Naturali ta' Pajjiżna*

Irridu nħarsu l-wirt naturali għani ta' pajjiżna.

Se nsaħħu n-*network* ta' siti protetti u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-immaniġġjar ta' dawn is-siti. Dawn is-siti jinkludu l-Park Nazzjonali fil-Majjistral ta' Malta u siti oħra li l-Gvern identifika bħala żoni li jiffurmaw parti minn Natura 2000. Ninnota b'sodisfazzjon li Malta hija kkunsidrata bħala l-aktar pajjiż avvanzat fit-tħejjija ta' siti *Natura 2000* minn fost il-pajjiżi li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-2004.

Ir-rispons għall-kampanja *Tree for You,* li permezz tagħha matul din is-sena se nkunu ħawwilna 23,000 siġra huwa impressjonanti.

Minbarra l-ħidma fuq is-sit tal-Foresta 2000 fil-Mellieħa, se nwettqu proġetti ta' tħawwil ta' siġar f'erba' *areas* pubbliċi ġodda. Dawn huma l-Wied tar-Rinella, il-Madliena, Wied Blandun u n-Nadur. Is-sena d-dieħla se nibdew nirrijabilitaw waħda mill-akbar ġrieħi ta' barrieri mhux użati, dik ta' ħdejn Ħaġar Qim. Hawnhekk se noħolqu l-akbar sit ta' rikreazzjoni f'dawn l-inħawi.

Irridu nirrijabilitaw is-Salini. Minsuġ mal-proġett ta' afforestazzjoni li estenda l-*Kennedy Grove* b'ħames darbiet, qed infasslu proposta biex din iż-żona tkun restawrata bl-iskop li nagħtu spinta lill-wirt kulturali u storiku b'rabta mal-produzzjoni tal-melħ. Dan il-proġett, li mistenni jkun iffinanzjat anke minn fondi Ewropej, mistenni jiswa mal-4.5 miljun lira (€10.5 miljuni).

Se nkomplu nkabbru l-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali. Se nkomplu wkoll ir-rijabilitazzjoni tal-miżbla tal-Magħtab b'finanzi mill-Unjoni Ewropea. Hawn se ninvestu madwar 30 miljun ewro (Lm13-il biljun). Se nroddu lura lill-poplu Malti dik li sa ftit ilu kienet tirrappreżenta l-akbar ġerħa ambjentali.

*Immaniġġjar ta' l-Iskart*

Kwalità ta' ħajja aħjar tfisser faċilitajiet ambjentali mill-aqwa, inkluż dawk għall-immaniġġjar ta' l-iskart. Għas-sena 2008,

l-ispiża kapitali favur l-immaniġġjar ta' l-iskart se tiżdied b' 2 miljun lira (€4.7 miljuni) għal 5 miljun lira (€11.6 miljuni). Irridu li l-iskart jiġi ttrattat skond prattiċi li jħarsu l-ambjent. Dawn il-prattiċi jinkludu riċiklaġġ u użu ta' l-iskart għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija.

L-ewwel fażi ta' l-immordenizzar ta' l-Impjant tar-Riċiklaġġ f'Sant Antnin se tkun lesta sal-bidu tas-sena d-dieħla, filwaqt li l-kumplament se jkun lest lejn nofs l-2008. Hawnhekk qed ikunu investiti 11-il miljun lira (€25.6 miljuni) ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea. Se jinbeda x-xogħol fuq "Park għall-Familja" fuq medda art bejn l-impjant u r-Razzett tal-Ħbiberija. Is-somma globali għal dan il-park mistennija tlaħħaq il-5 miljun ewro (Lm2.1 miljun).

Irridu nkomplu nżidu l-ammont ta' skart isseparat u neqirdu t-tfigħ ta' skart fil-kampanja. Wara li ftaħna tliet Ċentri ta' Skart Goff din is-sena se nifttħu żewġ ċentri oħra, f'Ħal-Luqa u f'Għawdex.

L-inċineratur il-ġdid fil-biċċerija, minbarra li se jipprovdilna b'faċilità ta' l-aqwa teknoloġija, se jwassal ukoll biex nagħlqu darba għal dejjem l-inċineratur ta' l-isptar San Luqa. L-inċineratur il-ġdid se jfisser ukoll li pajjiżna jilħaq livell akbar ta' kompetittività għaliex se jipprovdi lill-industrija, speċjalment dik farmaċewtika, b'faċilitajiet fejn tista' tiddisponi mill-iskart tagħha.

Fid-dħul ta' l-eko-kontribuzzjoni, il-Gvern kien ċar: jew il-produttur jew l-importatur jirkupra l-materjal lura mis-suq meta dan isir skart, jew iħallas l-eko-kontribuzzjoni biex il-Gvern jirkupra l-iskart hu. F'Lulju, il-Gvern ippublika d-

Dokument dwar ir-Riforma tal-Ġbir ta' l-Iskart. Il-Gvern qiegħed jintrabat li għall-iskemi għall-irkuprar ta' skart ta' l-ippakkjar, jirrifondi lura l-eko-kontribuzzjoni. Il-Gvern lest li jikkunsidra wkoll l-eżenzjoni ta' l-eko-kontribuzzjoni għall-operaturi fi skemi oħra sakemm dawn l-iskemi jilħqu l-kriterji stabbiliti.

Il-Gvern irid jippromwovi prattiċi favur l-ambjent anke fil-qasam tal-kostruzzjoni. Għalhekk se jniedi premju għall-bini li jirrispetta l-ambjent. Il-kriterji se jinkludu l-użu ta' l-*insulation*, l-użu ta' apparat li jiġġenera l-enerġija nadifa, l-użu ta' l-ilma tax-xita, u l-użu ta' apparat effiċjenti.

**Inċentivi Favur l-Użu ta' Enerġija Aktar Nadifa**

L-ekonomija għandha tissaħħaħ mingħajr ma nnaqqru r-riżorsi limitati b'mod mhux sostenibbli. Matul is-sena d-dieħla se nkomplu ndaħħlu miżuri li jikkunsidraw ir-rabta bejn l-attività ekonomika u l-impatt ambjentali.

Se nippromwovu aktar is-sistemi li jiġġeneraw enerġija nadifa. Il-mira hija li dawn jiżdiedu, ta' l-anqas, b'500 fis-sena. Dan ikun ifisser li l-pajjiż jiffranka madwar miljun u nofs *unit* fis-sena jew 1,300 tunnellata ta' gassijiet serra kull sena. Dawn il-miżuri jinkludu sussidji fuq apparat ta' l-enerġija minn sorsi rinnovabbli, estensjoni tal-prinċipju li l-elettriku ġenerat minn dan l-apparat jitpoġġa fuq il-*grid* nazzjonali b'kumpens għall-entijiet kummerċjali u sussidju fuq *insulation* tal-bjut. Għal dawn l-iskemi, il-Gvern qed jivvota madwar 5.4 miljun ewro (Lm2.3 miljuni), b'ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropea.

Il-Gvern qed jalloka 25 miljun ewro (Lm10.7 miljuni) mill-fondi strutturali ta' l-Unjoni Ewropea għall-perjodu ta' bejn l-2008 u l-2013 biex jinkoraġġixxi l-użu ta' apparat li jiġġenera l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu u tagħmir ieħor li jnaqqas l-użu ta' l-enerġija. Dawn l-iskemi se jissussidjaw parti mis-somma kapitali li hemm bżonn biex jinxtara dan l-apparat. Il-Gvern se jżid dan is-sussidju u se jifirxu fuq apparat ieħor, bħal *solar water heaters,* li jiġġenera din it-tip ta' enerġija permezz ta' ko-finanzjament ta' 2.1 miljun ewro (Lm901,500).

Il-Gvern se jkun qed jgħin lis-settur kummerċjali u dak industrijali wkoll billi jniedi skema, b'fondi mill-Unjoni Ewropea, ta' sussidju għal *energy audit* u l-investiment meħtieġ biex jimplimenta l-miżuri rakkomandati.

Miżuri oħra jinkludu:

Żieda fl-inċentiv li hemm fuq ix-xiri ta' karozzi li jaħdmu bl-elettriku. Ir-rifużjoni fuq il-prezz ta' dawn il-karozzi se titla' għal 20 fil-mija waqt li l-massimu eliġibbli se jirdoppja għal 1,000 lira (€2,329). Barra minn hekk, il-Gvern se jħejji spazji ta' parkeġġ riżervati għal dawn il-karozzi b'faċilita' fejn wieħed jista' jiċċarġja l-vettura b'sistemi li jiġġeneraw l-elettriku mix-xemx.

Jidher li l-iskema li ħabbart is-sena li għaddiet biex tinkoraġġixxi l-użu ta' *appliances* li jużaw anqas enerġija tat riżultati tajba. Hemm bidla fix-xejriet tax-xiri ta' dawn l-*appliances*. Din l-iskema se tinżamm u se tkompli titħaddem permezz ta' ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropea li għas-sena d-dieħla mistenni tlaħħaq 1.3 miljun ewro (Lm558,000).

**Kostruzzjoni ta' Toroq Arterjali u Residenzjali Ġodda**

Il-Gvern kompla jwettaq il-pjan tiegħu li jkollna toroq isbaħ u aħjar għal kulħadd. Wara x-xogħol li sar matul l-aħħar erba' snin, min jitlaq mill-aktar ponta mbegħda fin-nofsinhar ta' Malta u jibqa' tiela' sa Għawdex jgħaddi minn nisġa ta' toroq ġodda! Se jibda x-xogħol fuq toroq arterjali oħra, inklużi *Valletta Road* fiż-Żurrieq, il-*Bypass* ta' Marsascala u t-toroq tal-Villaġġ ta' l-Artiġjanat f'Ta' Qali. 'Il quddiem se jsiru wkoll it-triq li twassal għal *Smart City*, Ta' Pinu u tax-Xlendi f'Għawdex. Irrid nirrimarka li sfortunatament numru minn dawn it-toroq kienu nbnew ħażin fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet u llum qed ikollna naqilgħuhom mill-ġdid flok sempliċiment nagħmlu manutenzjoni fuqhom.

Is-sena d-dieħla rridu nagħlqu l-programm ta' 9 miljun lira (€21 miljun) għall-bini ta' toroq residenzjali li nidejna f'Awwissu tas-sena li għaddiet biex nibnu 468 triq residenzjali f'47 lokalità. Mill-2003 'l hawn, se nkunu bnejna mill-ġdid mat-850 triq residenzjali.

**Riġenerazzjoni Urbana**

Il-Gvern se jkompli r-riġenerazzjoni urbana, bħall-iżvilupp tax-Xatt tal-Birgu u r-riġenerazzjoni tal-Belt Valletta, biex il-lokalitajiet tagħna joffru kwalità ta' ħajja aħjar kif ukoll jagħtu kontribut ekonomiku u joħolqu opportunitajiet ta' xogħol fil-lokalitajiet tagħna.

**Tabella 14: Żvilupp fix-Xatt tal-Birgu**

F'Marzu li għadda, ġie inawgurat ix-xatt il-ġdid tal-Birgu. Proġett li jilqa' fih mhux biss *marina*, imma għadd ta' stabbilimenti kummerċjali u l-*Casino di Venezia*, li flimkien joffru post tax-xogħol lil numru ta' familji. B'dan il-proġett, ġew restawrati numru ta' binjiet antiki, pavimentar, dwal u *landscaping* tal-*waterfront*, *St. Angelo Mansions*, l-estensjoni ta' *St. Angelo Wharf*, ta' *Caraffa Stores*, u l-iżvilupp fit-Teżorerija.

Tabella 15: Riġenerazzjoni tal-Belt Valletta

Il-Gvern qed jimplimenta diversi miżuri biex jgħin fir-riġenerazzjoni tal-Belt Valletta. Huwa dan il-ħsieb wara l-ħidma tagħna fil-Belt biex inħarsuha u nagħmluha aktar aċċessibli għal kulħadd. Għalhekk daħħalna s-sistema tal-*Park and Ride* b'950 spazju għall-parkeġġ, liema parkeġġ ġie estiż biex jilqa' 270 vettura oħra, b'potenzjal li l-parkeġġ jiżdied biex jilqa' fih 1,800 vettura. Investiment ta' madwar 500,000 lira (€1.2 miljuni). Implimentajna wkoll is-sistema tal-*Controlled Vehicular Access* li permezz tagħha aktar vetturi u persuni qed ikollhom ċans jidħlu fil-Belt u jonqsu l-vetturi li jokkupaw parkeġġ għal siegħat twal għal xejn. Fuq kollox, qed tingħata l-ħajja lill-Belt fis-siegħat ta' fil-għaxija. Barra minnhekk ħadna ħsieb li nintroduċu mezzi ta' trasport innovattivi mmirati partikolarment lejn it-turist bl-introduzzjoni tal-*electric minicabs* fost l-oħrajn.

Komplejna l-ħidma intensiva mill-ħaddiema tal-Gvern li ssarrfet f'tisbiħ ta' diversi bliet u rħula f'pajjiżna. Irridu noħorġu l-karatteristika u l-identità taċ-ċentri ta' l-irħula tagħna. Il-politika u l-viżjoni tal-Gvern hija li l-wirt storiku ta' pajjiżna jiġi mħares dejjem aktar, inkomplu l-proġetti għat-tisbiħ tal-lokalitajiet u l-ħolqien ta' spazji liberi u żoni ta' rikreazzjoni.

Dan ix-xogħol jinkludi wkoll il-konservazzjoni tal-wirt storiku ta' pajjiżna. Ir-restawr u l-konsolidament li sar fl-aħħar sena jixhed l-impenn tal-Gvern favur il-konservazzjoni ta' numru kbir ta' monumenti, kappelli u bini ieħor storiku. Din is-sena sar xogħol fuq 44 proġett u s-sena d-dieħla se jinbdew 22 proġett ġdid.

**Tabella 16: Xogħlijiet ta' Tisbiħ**

Ix-xogħlijiet li saru jinkludu tisbiħ fiz-zuntier tal-Knisja taż-Żurrieq, il-knisja ta' Lourdes f'San Ġwann, il-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar u d-dawra tal-Knisja ta' San Bastjan f'Ħal-Qormi. Din is-sena wkoll se jkunu msebbħa z-zuntier tal-Knisja parokkjali tal-Fgura, ta' Ħal-Balzan u ta' l-Imqabba. Ma' dawn se jinbdew xogħlijiet simili fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Ġorġ f'Ħal-Qormi, tal-Knisja l-ġdida ta' Santa Venera u tal-Knisja parrokkjali tas-Siġġiewi.

Kompla wkoll ix-xogħol fil-pjazza tal-Qrendi li jinkludi l-pavimentar taz-zuntier tal-Knisja, it-triq prinċipali li twassal għall-Knisja u l-bankini tal-qalba tar-raħal.

It-tisbiħ tal-ġonna pubbliċi kompla wkoll fejn, wara li tlestew iż-żewġ Barrakki u Ġnien *Hastings*, tranġa kompletament Ġnien il-Mall u saru xogħlijiet estensivi fil-Mixtla ta' Bormla fejn masġar żdingat u abbandunat ġie ttrasformat f'żona ta' rikreazzjoni għall-familja kollha.

L-investiment li sar fl-aħħar snin juri l-impenn u d-determinazzjoni tal-Gvern biex il-Belt kapitali tingħata dehra isbaħ u jiġi kkonservat u rijabilitat aħjar il-wirt storiku tal-Belt. Parti minn dan l-investiment jinkludi pjan ta' pavimentar taż-żona pedonali fil-Belt. Fl-ewwel fażi se jkunu pavimentati Triq il-Merkanti, quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann u t-toroq ta' bejn Strada Rjali u Triq San Pawl.

Saru wkoll xogħlijiet varji fix-xtut u ż-żoni turistiċi. F'San Pawl il-Baħar tkompla x-xogħol fuq il-*promenade* taż-żona ta' l-Għażżelin, dik li tgħaqqad il-*promenade* tax-Xemxija mal-*promenade* ta' Buġibba.

Il-bini ta' belveder minn Wied Babu sa Ħaġar Qim ikkunsidra l-aspett rurali taż-żona ta' Wied Babu u Wied iż-Żurrieq. Il-materjal użat hu fil-biċċa l-kbira tiegħu materjal naturali, u jinvolvi l-bini ta' ħitan tas-sejjieħ. Matul din is-sena tlesta wkoll ix-xogħol ta' tisbiħ fuq il-*promenades* f'Għar id-Dud u Ta' Xbiex

Matul l-aħħar snin, il-Gvern preżenti mpenja ruħu biex in-naħa t'isfel ta' Malta tingħata l-importanza mistħoqqha. Għaldaqstant, matul is-sena d-dieħla se jibda x-xogħol fuq Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, bil-għan li l-aspett tradizzjonali ta' dan ir-raħal tas-sajjieda jkun jista' jidgawda f'ambjent isbaħ u aħjar. Ma' dan il-proġett hu mistenni li ssir it-tieni fażi tal-*promenade* tax-Xgħajra, *promenade* mill-Qajjenza sa Birżebbuġia u t-tisbiħ fil-*promenade* ta' l-Għadira.

**Tabella 17: Sistemi għall-Ġbir tal-Ilma tax-Xita**

| |
|---|
| L-ambjent infrastrutturali ta' pajjiżna huwa bbażat mhux biss fuq it-tisbiħ ambjentali, iżda li s-sistema tal-ġbir ta' l-ilma tax-xita tkun imtejba u msaħħa. Wara li fis-snin li għaddew saru xogħlijiet fuq it-twessiegħ tal-kanal minn Ħal-Qormi sa Aldo Moro fil-Marsa, din is-sena tlesta x-xogħol fuq l-aħħar parti minn Aldo Moro sal-Menqa. Ix-xogħlijiet imwettqa kienu jinkludu tħammil tal-kanal, kostruzzjoni ta' *embankments* u bini ta' pont fit-tarf ta' Xatt il-Mollijiet. Dawn ix-xogħlijiet diġà qed iħallu l-frott u r-residenti taż-żoni tal-Marsa, Ħal-Qormi u l-madwar jistgħu jikkonfermaw dan. |
| Matul is-sena sar ukoll xogħol biex jerġa' jiġi mibni il-Wied li minn Burmarrad iwassal għas-Salini. Fl-aħħar xhur tlestiet l-ewwel parti ta' dan il-kanal u hu mistenni li la darba jinħarġu l-permessi meħtieġa jkompli ix-xogħol li għad fadal sa Burmarrad. |

Wara li r-riskju ta' għargħar ġie mnaqqas sewwa f'Ħal Qormi u Burmarrad, imiss li nindirizzaw il-problemi tan-naħat ta' Birkirkara, Ħal-Balzan, Ħal-Lija u l-Imsida darba għal dejjem. Ħejjejna pjan ta' proġett ambizzjuż ta' 70 miljun ewro (Lm30 miljun) ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea. Is-sena d-dieħla nibdew l-ewwel fażi.

**Tabella 18: Xogħlijiet ta' Restawr**

| |
|---|
| Ix-xogħlijiet ta' restawr matul din is-sena kienu jvarjaw minn kappelli f'diversi lokalitajiet fosthom, il-Kappella ta' San Girgor fiż-Żejtun, il-Kappella ta' Santa Ubaldeska f'Raħal Ġdid, il-Kappella tas-Salvatur fil-Kalkara, Kappella tal-Madonna tal-Grazzja fil-Qrendi, l-Kappella ta' San Mikiel u San Bażilju fl-Imqabba u l-Kappella ta' Santa Marija f'Bubaqra fiż-Żurrieq. Tlesta wkoll xogħol estensiv u delikat fuq il-Knisja ta' Sarrija fil-Furjana u restawr u konsolidament fuq il-Knisja l-Qadima fis-Siġġiewi. Għaddejjin ukoll xogħlijiet ta' restawr fuq il-faċċata tal-Biblijoteka Nazzjonali, fuq il-faċċata tal-bini tal-*Monte di Pieta* u l-bini tar-Reġistru Pubbliku fil-Belt Valletta. Ma' dawn wieħed irid jinkludi x-xogħol elaborat li qed isir f'Villa Francia f'Ħal-Lija u x-xogħol ta' restawr li sar fuq parti mis-swar ta' Santa Barbara fil-Belt, fuq parti mis-swar fid-daħla tal-Birgu u r-restawr li qed isir fuq is-swar ta' Sa' Maison fil-Furjana. Matul is-sena li ġejja mistennija jibdew xogħlijiet ta' restawr fuq il-ġenb tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, fuq il-kappella ta' l-Annunzjata f'Ħal-Kirkop, il-Kappella ta' l-Anġli f'Ħaż-Żebbuġ, il-Kappella ta' Qrejċa f'Ħal-Qormi u l-Kappella ta' San Luqa fiż-Żurrieq. |

Pajjiżna hu magħruf għal kilometri sħaħ ta' fortifikazzjonijiet, madwar 25 kilometru li prinċipalment idawwru t-tlett ibliet fil-Kottonera, il-Belt, il-Furjana u l-Imdina. Matul is-sekli dawn l-istrutturi marru lura minħabba diversi fatturi. Il-Gvern ħejja proġett, mifrux fuq seba' snin, bil-għan li dawn il-ħsarat ikunu jistgħu jiġu mrażżna u msewwija, u li nirristawraw dawn il-monumenti. Dan huwa proġett li se jiswa' għexieren ta' miljuni ta' liri u li wkoll qed jiġi kkunsidrat biex ikun ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea. Il-pjan ikopri wkoll il-forti taċ-Ċittadella f'Għawdex. Fil-ġranet li ġejjin mistennija jinħarġu offerti għal xogħol ta' restawr fuq parti mis-sur ta' taħt il-Palazz Vilhena fl-Imdina, fiż-żona tal-binja tal-Kavallier ta' San Ġwann fil-Birgu, u fuq il-Bastjun ta' Sant'Andrija u dak ta' San Ġwann fil-Belt Valletta.

Il-Gvern irid ukoll li l-awtoritajiet tiegħu jkomplu jippromwovu u jikkonservaw l-identità tal-lokalitajiet tagħna. L-iskema tal-MEPA għall-manutenzjoni ta' gallariji ta' l-injam kienet suċċess. Kif tħabbar ftit ġranet ilu, din l-iskema se tkun estiża għall-qalba tal-lokalitajiet kollha ta' pajjiżna, fl-*Urban Conservation Areas*.

**Agrikoltura**

Nirriafferma li l-Gvern iqis is-settur agrikolu bħala wieħed strateġikament importanti għal pajjiżna. Dan il-Gvern jifhem il-kumplessità ta' dan is-settur fil-kuntest tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-kuntest ta' l-iżviluppi internazzjonali. Eżempju ta' dan hu dak li qed iseħħ fis-swieq internazzjonali tal-qmuħ u ċ-ċereali bi prezzijiet rekord.

Din is-sitwazzjoni tirrikjedi analiżi u soluzzjonijiet ġodda, liema soluzzjonijiet ma jistgħux jinstabu fil-qafas ta' kif kien jopera s-settur agrikolu fil-passat. Lanqas m'huma relevanti xi soluzzjonijiet sempliċi li qishom jinjoraw il-fatt li Malta llum hija membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Parti integrali mill-istrateġija tal-Gvern hi li tiġi msaħħa u żviluppata aktar il-katina ta' bejn min jipproduċi, min jipproċessa u min ibiegħ il-prodotti. Il-mekkaniżmu ta' sussidji u għajnuna finanzjarja jrid jintuża biex isaħħaħ u jkompli jiżviluppa din il-katina. Il-Pjan għall-Iżvilupp Rurali se jipprovdi madwar 100 miljun ewro (Lm42.9 miljuni) biex jintlaħqu żewġ għanijiet ewlenin – l-iżvilupp fil-katina agrikola, produzzjoni, ipproċessar u konsum, kif ukoll il-ħarsien ta' l-ambjent permezz ta' miżuri agro-ambjentali.

Il-pjan jifforma parti mill-viżjoni ġenerali ta' dan il-Gvern li anke f'dan il-qasam irridu nkomplu naħdmu biex inserrħu ras il-konsumatur li l-prodott Malti huwa garanzija ta' tjubija u jirrispetta l-ogħla *standards* ta' kwalità.

**Sajd**

Fis-settur tas-sajd ukoll saru żviluppi li sa ftit tas-snin ilu kienu ħolma, fosthom il-ftuħ ta' l-ewwel skal għas-sajjieda f'Marsaxlokk li sar b'ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropea.

Is-settur tas-sajd huwa wieħed dinamiku u li jinħtieġ ammont ta' riċerka biex jassigura li pajjiżna jibqa' fuq quddiem nett f'dik li hi xjenza. Smajna fl-aħħar ġimgħat kif riċerkaturi Maltin fiċ-ċentru tal-Gvern f'San Luċjan għamlu kisbiet importanti meta rnexxielhom jirriproduċu aċċjol imkabbar fil-*fish farms*.

Is-sajjieda Maltin qed jibbenefikaw ukoll minn aġġustament addizzjonali fuq *diesel* bla dazju li kważi rdoppja b'seħħ minn Mejju li għadda. Għas-sena d-dieħla l-Gvern qed jinvesti 700,000 lira (€1.6 miljuni) f'għajnuniet lis-sajjieda minn fondi ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea.

**Ħarsien ta' l-Annimali**

Matul din is-sena kelli l-okkażjoni li niltaqa' ma' numru ta' voluntiera li jaħdmu fil-qasam tal-ħarsien ta' l-annimali. Irrid nirringrazzjahom għax-xogħol volontarju li jagħmlu b'tant dedikazzjoni u impenn. Hawnhekk, nixtieq inħabbar li

qegħdin nivvutaw is-somma ta' 150,000 lira (€349,400) biex ngħinu lill-għaqdiet volontarji f'pajjiżna fit-tmexxija ta' faċilitajiet fejn jinżammu annimali abbandunati. Flimkien ma' l-NGOs se nkunu qed nimplimentaw ukoll inizjattiva li tikkontrolla l-ammont ta' annimali abbandunati fit-toroq tagħna. Issa li ġie approvat il-permess, se jinbeda wkoll ix-xogħol fuq ċentru f'Ta' Qali li se jkun qed jiġbor fih għadd ta' faċilitajiet moderni għall-annimali, li jinkludu *after-care clinic* u *boarding kennels*.

**Is-Sigurta' ta' Pajjiżna**

Mr. Speaker

Il-familji Maltin u Għawdxin japprezzaw il-livell ta' sigurta' li ngawdu fis-soċjeta' tagħna. Din is-sigurta' ma tiġix b'kumbinazzjoni. Il-forzi ta' l-ordni tagħna huma impenjati kontinwament biex jagħtuna s-serħan il-moħħ li jippermettilna ngħixu ħajjietna fil-kwiet.

Il-Korp tal-Pulizija u l-Forzi Armati llum huma organizzati professjonalment, f'*networks* ewropej u internazzjonali. Huma jaħdmu bla heda biex jiġġieldu dak kollu li jista' jkun ta' theddida għas-sigurta ta' pajjiżna.

Fost dan it-theddid hemm dik ikkawżata mill-kriminalita' organizzata li tittraffika l-persuni nkluż il-problema serja tal-immigranti irregolari. Pajjiżna jiddependi ħafna fuq l-effiċjenza tal-Forzi tal-Ordni kollha tagħna biex jindirizza din il-problema. Jiddependi fuq is-serjeta' tagħhom u fuq il-kuraġġ li jridu juru f'ċirkostanzi diffiċli ħafna u anke perikolużi għal ħajjithom.

Huwa għalhekk li llejla, qed nipproponu li nsaħħu l-forzi tas-sigurta' f'pajjiżna.

Se nibda bil-pulizija. Jidhrilna li wasal iż-żmien li s-suċċess li akkwistat l-Akkademija tal-Pulizija jkun konsolidat. Matul is-sena dieħla, se jinbeda x-xogħol fuq akkademja ġdida tal-pulizija li se tiġi żviluppata ġewwa l-kumpless f'Ta' Kandja. Ix-xogħol speċjalizzat tal-Pulizija jirrikjedi korp modern u mħarreġ u li jżomm ruħu kontinwament aġġornat. Il-Gvern

jemmen li dan l-iżvilupp għandu jwassal biex filwaqt li joffri faċilita' ta' l-aqwa kwalita' għall-pulizija kollha, il-Korp jagħmel qabża oħra ta' kwalita' fil-ħidma tiegħu.

Niġi issa għall-Armata. Din is-sena bdejna proċess ta' ristrutturar qawwi biex l-Armata tkun f'posizzjoni li taqdi dmirha b'aktar mod professjonali. Dan il-proċess huwa avvanzat ħafna u għandu jitlesta ma jdumx. Kif għidt diġa', kulħadd jaf u japprezza x-xogħol iebes u delikat li tagħmel l-armata, speċjalment fil-realta' li qed tiffaċċja Malta bil-immigrazzjoni irregolari. L-Armata hija mpenjata 24 siegħa kuljum biex tħares l-ibħra tagħna. Nafu wkoll bir-riskji li s-suldati jgħaddu minnhom biex isalvaw il-ħajja ta' min isib ruħu fil-periklu fl-ibħra taż-żona ta' salvataġġ imħarsa minn Malta. Il-Gvern jemmen li dan l-impenn għandu jiġi rikonoxxut. Meta ikkonsidra li l-aħħar reviżjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' l-armata ilha kważi ħmistax-il sena u meta evalwa l-iżviluppi kbar li saru fix-xogħol tagħha, il-Gvern iddeċieda li jimplimenta titjib sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-suldati. B'din l-istruttura ġdida ta' pagi u kundizzjonijiet oħra, il-Gvern jemmen li ħa jkompli jsaħħaħ is-sigurta' ta' pajjiżna u jqawwi qalb l-Armata fix-xogħol diffiċli tagħha. Din l-istruttura ġdida tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

Mr. Speaker

Il-poplu Malti huwa grat lejn il-pulizija u l-armata, kif ukoll rikonoxxenti lejn is-Servizzi tas-Sigurta', id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, u l-Korp ta' l-Uffiċċjali tal-Ħabs. Dan il-Baġit iżid l-impenn qawwi tal-Gvern lejn id-difiża u s-sigurta'

nazzjonali biex jassigura s-serħan il-moħħ lill-familji Maltin u Għawdxin kollha.

## Solidarjetà

### Soċjetà Fejn Kulħadd Jirnexxi

Mr Speaker,

Pajjiżna żviluppa qafas soċjali u servizzi tas-saħħa biex kulħadd ikollu s-serħan il-moħħ meta jiġi bżonnhom. Dan il-Baġit ikompli jsaħħaħ dan il-qafas, jimmodernizzah, u jħares 'l quddiem lejn kif jista' jindirizza dawk is-sitwazzjonijiet li s'issa ma jinqabdux minn din ix-xibka.

Fis-sena 2008, in-nefqa fuq l-oqsma tas-saħħa u soċjali se tiżdied b'aktar minn 26 miljun (€60 miljun) fuq din is-sena għal kważi 400 miljun lira (€932 miljun).

Malta moderna, b'ekonomija b'saħħitha qed toħloq il-ġid, li jgawdi minnu kulħadd speċjalment dawk l-aktar fil-bżonn.

Mr. Speaker,

Aħna konxji mill-piż tal-prezz taż-żejt fuq il-familji tagħna. Ma jidhrilniex li għandna nżidu t-taxxi jew r-rati tad-dawl u l-ilma biex innaqqsu s-*surcharge* kif hawn minn qed jissuġġerixxi. Is-sena li għaddiet, stajna qbadna t-12-il miljun lira (€28 miljun) li tajna fit-tnaqqis tat-taxxi u minflok niżżilna s-*surcharge*. Miżura bħal din taħdem kontra min jagħraf il-bżonn li ma jaħlix u li juża l-enerġija b'responabilità.
Madanakollu, ħassejna l-ħtieġa li nintroduċu benefiċċju minħabba l-prezz ta' l-enerġija biex iserraħ ftit lil min għandu dħul u li ma bbenifikax mir-riforma fit-taxxa tad-dħul.

Filwaqt li fis-snin ta' qabel il-Gvern kien qed joħroġ madwar 800,000 lira (€1.8 miljuni) biex jagħmel tajjeb għas-*surcharge* lil dawk il-familji li kienu fuq l-għajnuna soċjali, din is-sena allokajna 3 miljun u tliet mitt elf lira (€7.7 miljuni) għal dan il-benefiċċju ġdid. Qed ngħinu aktar minn 27,000 familja bi dħul baxx, lill-morda, lill-persuni b'diżabilità u każijiet umanitarji oħra li jiddependu minn użu aktar min-normal tad-dawl u l-ilma. Se nkomplu dan il-benefiċċju matul is-sena d-dieħla.

Mr. Speaker,

Niltaqa' ma' ħafna ommijiet u missirijiet li jiddedikaw ħajjithom u l-enerġija kollha tagħhom biex ilaħħqu mal-ħajja li jixtiequ għalihom u t-tfal tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-familji Maltin jaħdmu kemm jifilħu, u jagħmlu minn kollox biex jerfgħu r-responsabiltajiet tagħhom lejn ix-xogħol u l-familja tagħhom.

Il-Gvern jagħraf il-bżonn ta' sostenn lill-familji tagħna. Jekk inħarsu l-familja nkunu qegħdin inħarsu lis-soċjetà tagħna kollha kemm hi.

Illejla, qed nipproponi lil din il-Kamra numru ta' miżuri biex igħinu lill-familji Maltin iħarsu 'l quddiem b'fiducja.

*Riforma fl-Allowance tat-Tfal*

Il-Gvern qed jipproponi diversi miżuri fis-sistema tal-*Allowance* tat-Tfal ta' taħt is-16-il sena:

1. Qegħdin nirduppjaw l-*Allowance* tat-Tfal taħt is-16-il sena mit-tieni wild 'l quddiem biex tkun daqs dik tal-ewwel wild. B'din il-miżura se jibbenifikaw l-familji ta' madwar 33,000 tifel u tifla;
2. Se ngħinu lill-familji bit-tfal li għandhom dħul anqas mill-paga minima billi nbaxxu d-dħul minimu għal skop tal-*Allowance* tat-Tfal għal 2,000 lira (€4,658) minn 2,770 lira (€6,452). B'din il-miżura se jibbenifikaw il-familji ta' madwar 13,000 tifel u tifla;
3. Il-Gvern qed jipproponi li l-minimu fl-*Allowace* tat-Tfal li jitħallas jitla' minn 52 lira (€121.12) għal 107 lira (€250) fis-sena għal kull tifel u tifla. B'din il-miżura se jibbenifikaw il-familji ta' aktar minn 3,000 tifel u tifla;
4. Dan il-minimu ta' 107 lira (€250) fl-*Allowance* tat-Tfal se jibda jingħata lit-tfal kollha. B'din il-miżura se jibbenikaw il-familji ta' madwar 25,000 tifel u tifla li bħalissa ma jieħdu xejn. Din il-miżura hi maħsuba biex timplimenta b'mod konkret politika favur il-famlji li qed irabbu t-tfal. Il-miżura hi maħsuba wkoll biex tirrikonoxxi s-sehem tal-omm li tiddedika l-enerġija tagħha għat-trobbija ta' uliedha.

**Tabella 19:** ***Allowance*** **tat-Tfal**

| |
|---|
| Bħala eżempju, familja li għandha żewġt itfal taħt is-sittax-il sena u għandha dħul ta' Lm7,000 (€16,306) fis-sena llum tirċevi Lm294 (€685) f'*Children's Allowance* fis-sena. B'effett mill-1 ta' Jannar 2008, din il-familja ser tirċevi Lm392 (€913) f'*Children's Allowance* fis-sena, żieda ta' Lm98 (€228), jew 33 fil-mija, aktar fis-sena. Min-naħa l-oħra, familja bi tlett itfal taħt is-sittax-il sena bi qligħ ta' Lm10,000 (€23,294) fis-sena llum tirċevi Lm156 (€363) f'*Children's Allowance* fis-sena. B'effett mill-1 ta' Jannar 2008, din il-familja ser tirċevi Lm300 (€698) f'*Children's Allowance* fis-sena, żjieda ta' Lm144 (€335) aktar fis-sena. |

Dawn il-miżuri jfissru żieda ta' 5 miljun lira (€11.6 miljuni), jew kważi 40 fil-mija aktar mill-2007. Dan huwa investiment biex igħin lill-familji tagħna jkomplu jkunu s-sisien tas-soċjetà Maltija. Xtaqna li kieku stajna ntejbu aktar l-għajnuna li nagħtu lill-familji li qed irabbu. Imma kif spjegajt fil-bidu ta' dan id-Diskors, dan huwa Baġit li qed jimxi bi prudenza kbira fejn jidħol l-infieq.

## Miżuri Oħra b'Risq il-Familja

Irridu niffukaw lejn familji f'sitwazzjonijiet partikolari. Għalhekk:

1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar, il-Gvern se jaġġusta biż-żjieda ta' l-għoli tal-ħajja l-massimu tad-dħul biex persuna tikkwalifika għall-*Allowance* Supplimentari. B'dan l-aġġustament, kull min jirċievi din l-*allowance* mhux ser jitilfu minhabba ż- żjieda ta' l-għoli tal-ħajja.
2. L-għotja għal dawk li jgħinu fit-trobbija ta' ulied ħaddieħor, *fostering allowance*, se tiżdied b'5 liri (€12) għal 17-il lira (€40) fil-ġimgħa;

3. L-għotja għat-tfal orfni se tiżdied b'4 liri u 74 ċenteżmu (€11) għal 20 lira (€47) fil-ġimgħa;
4. Se jiddaħħal ħelsien mit-taxxa ġdid għar-rigward ta' tfal li jattendu l-*kindergartens* privati sa massimu ta' 1,000 ewro (Lm429) fis-sena. Hekk il-Gvern se jagħti lura madwar 170,000 lira (Lm72,981) lill-ġenituri li jibgħatu lil uliehom f'*kindergartens* privati; u
5. B'effett immedjat ir-romol se jiġu eżentati milli jħallsu it-taxxa tal-boll *causa mortis* fuq il-parti tal-wirt marbuta mad-dar residenzjali tagħhom, sakemm din ma tinbiegħx qabel il-mewt ta' min jibqa' ħaj minnhom. Din il-miżura mistennija tiswa madwar miljun lira (€2.3 miljuni) fis-sena.

**Għajnuna fil-Qasam tad-Djar**

Illejla qed nipproponi wkoll miżuri oħra biex nkomplu ntejbu l-politika li ħaddiemna fl-aħħar snin, dik li kulħadd isir sid ta' daru. Imma rridu wkoll nsaħħu l-għajnuna li diġà qegħda tingħata lil koppji, speċjalment għarajjes żgħażagħ, li jixtru l-ewwel dar għal skop ta' residenza tagħhom. Għalhekk:

1. Il-Gvern se jagħti sussidju, sa massimu ta' 1 fil-mija, fuq ir-rata bażi ta' l-imgħax kif stabbilita mill-Bank Ċentrali jekk din tkun ogħla minn 3.75 fil-mija. Is-sussidju se jingħata matul il-perjodu ta' 10 snin fuq ix-xiri ta' l-ewwel residenza li l-valur tagħha ma jaqbiżx il-50,000 lira (€116,468). B'din il-miżura l-Gvern qed jikkalkula li se jinvesti madwar 500,000 lira (€1.2 miljuni) fl-2008 biex il-koppji ġodda jakkwistaw darhom u b'hekk intaffu l-piż meta jkun hemm ċaqlieq fir-rati ta' l-imgħax;

2. B'effett immedjat ir-rata preżenti ta' 3.5 fil-mija taxxa tal-Boll fuq l-ewwel 30,000 lira (€70,000) f'kaz ta' xiri ta' proprjeta' għal residenza personali ser tiġi estiza għall-ewwel 50,000 lira (€116,468) għall-ewwel residenza. B'hekk, il-Gvern se jħalli madwar 420,000 lira (€978,336) fil-but ta' dawk li jakkwistaw l-ewwel dar tagħhom;
3. Bħalissa, ġenituri li jgħaddu xi art jew propjetà lil uliedhom għall-użu ta' residenza tagħhom qegħdin iħallsu t-taxxa tal-boll fuq dan it-trasferiment. Il-Gvern jemmen li għandu jagħmilha aktar faċli lill-familji biex jgħinu lil uliedhom jakkwistaw darhom. Għal dan il-għan, it-taxxa tal-boll fuq it-transferiment ta' propjetà waħda u darba biss mill-ġenituri lill-ulied biex din tintuża għal skop ta' residenza personali mill-ulied se titnaqqas b'1.5 fil-mija għal 3.5 fil-mija fuq dik il-parti li llum qegħda tiġi ntaxxata bil-5 fil-mija;
4. Qed jiġi ppreparat it-tielet ħruġ ta' l-iskema tax-*Shared Ownership* tal-Awtorità tad-Djar. Taħt din l-iskema se jkun hemm 333 appartament li għandhom valur kummerċjali ta' 14.5 miljun lira (€33.7 miljuni);
5. Matul is-sena li ġejja, l-Awtorità tad-Djar qed tippjana li tkompli tinvesti madwar 5.5 miljun lira (€12.8 miljuni) fil-bini ta' appartamenti oħra; u
6. il-Gvern se jalloka nofs miljun lira (€1.2 miljuni) biex l-Awtorita tad-Djar ittejjeb u testendi l-E*quity Share Sch*eme tagħha għax-xiri ta' l-ewwel dar. Għal dan il-għan, l-Awtorità se tiffinanzja sa massimu 14,000 lira (€32,611) mill-prezz ta' djar kompluta, u sa 10,000 lira (€23,293) mill-prezz ta' dar *shell* li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-50,000 lira (€116,468).

Mr, Speaker,

Anke hawn qed nimxu bi prudenza kbira. Imma l-miżuri li ħabbart għandhom jagħmlu differenza sostanzjali għal dawk il-koppji għarajjes u familji li l-aktar jeħtieġu għajnuna.

**L-Anzjani**

L-akbar grupp li pparteċipa fil-preparazzjoni ta' dan il-Baġit kienu l-anzjani. Dawn taw ħajjithom lil pajjiżna u aħna fid-dmir li nagħmlu dak kollu possibbli biex l-anzjani kollha jibqgħu attivi f'kull qasam tas-soċjetà. Smajna ħafna lill-anzjani u llejla qed nipproponi dawn il-miżuri:

1. Mill-1 ta' Jannar tal-2008, iż-żieda ta' l-għoli tal-ħajja se tingħata sħiħa lill-pensjonanti kollha. Minħabba l-impatt fuq is-sistema tal-pensjoni taż-żewġ terzi, it-terz li s'issa ma kienx jingħata se jingħata f'forma ta' bonus;

2. Smajna ħafna mingħand il-pensjonanti li għandhom pensjoni tas-servizz jew tas-servizzi. L-ispiża kollha biex dawn il-pensjonanti jieħdu l-pensjoni taż-żewġ terzi kollha tammonta għal 17-il miljun lira kull sena u tibqa' tiela' għal 24 miljun lira fi żmien ftit snin. Pajjiżna ma jiflaħx għal din iż-żieda f'daqqa. Iddeċidejna għalhekk li nibdew nindirizzaw din il-kwistjoni billi ninjoraw 200 lira mill-pensjoni tas-servizz fil-kalkolu tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Din il-miżura se tagħmel differenza lil dawk il-pensjonanti li għandhom l-aktar pensjonijiet baxxi. Jekk it-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna jkompli bir-ritmu li kellna din is-sena, dan il-pass ikun jista' jiġi ripetut fis-snin li

ġejjin b'mod li fuq medda ta' snin raġjonevoli nkunu solvejna wkoll din il-kwistjoni;

3. Il-Gvern qed jaċċetta s-suġġeriment ta' ħafna pensjonanti biex persuna li tkun irtirat tkun tista' taħdem u taqla' kemm trid mingħajr ma titlef xejn mill-pensjoni. Din il-miżura m'għandiex tinftiehem bħala li qegħda tagħti d-dritt lil xi ħadd li jibqa' fl-impieg li kellu qabel l-età ta' l-irtirar kemm-il darba dan ma jsirx bi qbil bejn min iħaddem u min jaħdem; u

4. Diversi anzjani u l-familji tagħhom talbu li parti minn nefqa li jonfqu fuq servizzi residenzjali privati jiġu eżentati mit-taxxa tad-dħul. Il-Gvern se jippermetti li l-massimu ta' 2,000 ewro fis-sena jigi mnaqqas mid-dhul taxxabli tal-anzjan jew tal-familja li tkun qed thallas is-servizz.

**Persuni b'Diżabilità u l-Familji Tagħhom**

Kulħadd jagħraf l-isfidi speċjali li għandhom persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Il-Gvern huwa kommess li jsiru t-tibdiliet kollha li hemm bżonn sabiex kemm jista' jkun malajr is-sena d-dieħla pajjiżna jkun f'pożizzjoni li jirratifika l-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda Dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Dizabilità

Illejla, qed nipproponi wkoll numru ta' miżuri biex igħinu lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom:

1. Persuni b'Diżabilità Severa li jkunu ċertifikati mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità li

għandhom bżonn assistent personali se jiġu mgħejjuna billi:

- Jiġu eżentati mill-ħlas ta' permessi maħruġa mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għall-impieg ta' assistenti personali barranin; u
- Jiġu eżentati mill-ħlas tal-bolla dovuta għall-impieg ta'l-assistent personali tagħhom.

2. L-*Allowance* tat-Tfal b'Diżabilità se titla' minn massimu ta' 5 liri fil-ġimgħa ghal rata waħda ta' 7 liri fil-ġimgħa, żieda ta' aktar minn 100 lira fis-sena u mhux se jibqa' suġġett għall-ezami tal-mezzi. B'riżultat ta' din il-miżura se jibbenifikaw aktar minn 600 familja li bħalissa jirċievu dan il-benefiċċju u familji oħra li bħalissa ma jirċevuhx minħabba d-dħul tagħhom;
3. Tul l-2008, ser naraw li l-bajjiet kollha bi *status* ta' *Blue Flag* ikunu aċċessibbli kompletament għall-persuni b'diżabilità kif ukoll li jsir pjan kif faciltajiet sanitarji pubblici jsiru kollha accessibli fi zmien determinat;
4. Il-Gvern se jipprovdi r-riżorsi meħtieġa lill-Aġenzija Sapport biex kmieni s-sena d-dieħla tinfetaħ u tibda topera dar għall-persuni b'diżabilità fil-komunità tal-Kottonera;
5. Il-vot tal-Kummissjoni Nazzjonali b'Persuni b'Diżabilità se jiżdied b'20,000 lira biex ikunu jistgħu jinqdew aktar nies mis-Servizz Għajnuniet Speċjali;
6. Fil-preparamenti għal dan il-Baġit, ħadna nota tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità u ta' diversi ġenituri u ħaddiema dwar is-servizzi ta' matul il-jum għal persuni

b'diżabilità intelletwali (magħrufin bħala *Adult Training Centres*, ATCs). Din is-sena, dawn is-servizzi għaddew f'idejn l-Aġenzija Sapport bl-inkarigu li tagħmel il-qabża fi kwalità li lkoll nixtiequ f'dawn is-servizzi. Din l-Aġenzija se jkollha għad-dispożizzjoni tagħha fondi kbar mill-Fond Soċjali Ewropew biex jizviluppaw is-servizzi ta' matul il-jum ghall-persuni b'dizabilita' intelletwali; u

7. Il-qasam tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità għadu wieħed mill-akbar sfidi f'dan il-qasam. Għalhekk, il-Gvern iddeċieda li b'seħħ mill-1 ta' Jannar tal-2008, kull min jimpjega persuna b'diżabilità reġistrata mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ se jkun eżentat milli jħallas il-bolla fl-ewwel tliet snin ta' l-impieg. Din il-miżura se tkun b'żieda ma' kull skema oħra li diġà tħaddem il-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ, kif ukoll l-iskemi applikabbli finanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew.

Mr. Speaker,

Il-Gvern jaf li hemm ħafna aktar x'isir f'dan il-qasam. Hemm it-trasport pubbliku fejn għaddejjin bi proċess biex, fuq numru ta' snin, il-karozzi tal-linja kollha jsiru aċċessibbli. Hemm l-implimentazzjoni tar-Rapport Spiteri li diġà għamilt aċċenn għalih f'dan id-diskors. Hemm ukoll l-iskemi finanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew. Hemm ukoll l-isfida kbira tas-servizzi edukattivi u ta' taħriġ għal persuni b'diżabilità li jispiċċaw l-edukazzjoni obligatorja. Ma nistax ngħid li jien sodisfat bir-rata tal-progress f'dawn l-oqsma. Għad hemm wisq nies f'pożizzjoni ta' responsabilità

b'mentalità li xxekkel il-progress li nixtieq nara f'dan is-settur. Jekk inbiddlu l-attitudni tagħna lejn dan il-qasam allura l-ostakli kollha jistgħu jingħelbu. Nemmen f'soċjetà Maltija li tagħti lill-persuni b'diżabilità u l-familji s-sapport kollu li hemm bżonn biex jippartecipaw bis-sħiħ fl-oqsma kollha ta' ħajjitna.

**Is-Saħħa u s-Servizzi għall-Anzjani**

Is-servizzi tas-saħħa li żviluppajna f'pajjiżna tul iż-żmien huma karatteristika ewlenija tas-soċjetà tagħna, ta' dak li jagħmilna Maltin. Il-poplu Malti jaf li meta jiġi bżonnhom, meta jkun marid, is-servizzi tas-saħħa qegħdin hemm. Dan huwa settur li rridu nagħtuh l-attenzjoni kollha u b'mod kontinwu:

- Biex nibqgħu nsostnuh;
- Biex nibqgħu fost l-aħjar;
- Biex inkopru dejjem aħjar l-aktar mard serju; u
- Biex nevitaw li nimirdu.

Huma, fuq kollox, il-ħaddiema kollha li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, li jien f'isem il-poplu Malti minn qalbi nirringrazzjahom, li jagħmlu d-differenza bejn servizz eċċellenti minn servizz medjokri. Bħalissa għaddejjin f'diskussjoniiet intensivi mal-professjonisti kollha f'dan il-qasam bl-għan komuni li nagħmlu suċċess mit-trasferiment lejn l-Isptar Mater Dei. Konvint li hemm l-elementi kollha biex naslu.

Mr. Speaker,

Dak li għandna tajjeb, irriduh aħjar.

Illejla qed nipproponi li l-vot għas-saħħa jiżdied b'6 miljun lira għas-sena li ġejja, biex mhux biss nakkomodaw l-isptar il-ġdid Mater Dei, iżda anke wkoll inkomplu ntejbu s-servizzi tas-saħħa. Irridu nagħtu attenzjoni speċjali fuq fejn hemm nies jistennew operazzjoni u biex inħarxu l-ġlieda kontra l-kanċer.

L-isptar Mater Dei għadda f'idejn il-Gvern Malti mingħand Skanska nhar il-Ġimgħa 29 ta' Ġunju. Illum kulħadd jirrikonoxxi l-livell għoli ta' dan l-isptar. Hemm stennija kbira għat-trasferiment tas-servizzi mill-Isptar San Luqa għal l-Isptar Mater Dei, li għandu jwassal biex, sa l-aħħar ta' din is-sena, is-servizzi ewlenin ikunu qed jingħataw minn dan l-isptar. Naf li l-professjonisti u l-ħaddiema kollha qed jagħmlu l-almu tagħhom biex il-migrazzjoni li bdiet immedjatament kif l-isptar għadda f'idejn il-Gvern titlesta. Trasferiment ta' sptar mhux ċajta. Huwa proċess ikkumplikat u delikat ħafna għax jinvolvi nies morda li għandhom bżonn il-kura u mhux skariġġ. Proċess li bil-fors irid jieħu ż-żmien biex jitwettaq. Mexjin fuq programm dettaljat ta' sekwenza tat-trasferiment ta' kull dipartiment u servizz biex niżguraw is-sigurtà tal-pazjenti u l-impjegati, u fl-istess waqt il-proċess kollu tal-migrazzjoni jieħu l-inqas żmien possibbli.

Ingħata taħriġ lill-impjegati kollha ta' l-isptar, jiġifieri madwar 3,800, li kienet parti mill-aktar impjenattiva f'dan il-proċess. F'dan il-kuntest, nieħu pjaċir ninforma 'l-Kamra, li

s'issa kollox miexi skond id-dati stabbiliti fil-pjan ta' migrazzjoni.

**Espansjoni tas-Servizzi ta' l-Isptar Zammit Clapp**

Minħabba li t-talba għas-servizzi ta' kura ta' rijabilitazzjoni qiegħda dejjem tikber, ittieħdet id-deċiżjoni li jiżdied in-numru ta' sodod li joffri dan is-servizz. Il-Gvern se jibni faċilità ġdida b'280 sodda ġewwa Ħal Luqa, proġett ta' 12-il miljun lira ko-finanzjat mill- Unjoni Ewropea. Dan ifisser li n-numru ta' sodod se jkun kważi ħames darbiet aktar milli għandna llum ġewwa Zammit Clapp. Tlestew il-pjanti li issa jinsabu quddiem il-MEPA għall-approvazzjoni.

**Ċentru Servizzi tal-Kanċer**

L-Isptar Zammit Clapp se jinbidel f'Ċentru ta' Servizzi tal-Kanċer. Dan se jippermetti żieda fin-numru ta' sodod ta' l-onkoloġija u l-immodernizzar u ż-żieda ta' tagħmir ġdid ieħor. Bit-trasferiment tas-servizzi ta' l-onkoloġija mill-Isptar Boffa għall-Isptar Zammit Clapp, is-servizzi meħtiega fil-kura tal-kanċer se jibdew jingħataw minn post akbar li joffri faċilitajiet aħjar kemm għall-pazjenti kif ukoll għall-impjegati.

Barra minnhekk wasal ukoll iż-żmien li jsir investiment ġdid f'apparat mediku ta' l-kanċer. Se jsir investiment qawwi f'xiri ta' żewġ *linear accelerators*. Dan it-tagħmir jitlob infrastruttura speċifika u għalhekk se tinbena *Radio Therapy Unit* ġewwa Zammit Clapp. Dan il-pass jiggarantixxi li f'Malta nsaħħu s-servizzi u l-faċilitajiet eċċellenti li diġà għandna għall-kura tal-kanċer. Illum din il-kura tħabbatha ma' kura li tingħata barra minn Malta fejn sa ftit snin ilu konna nibgħatu l-

pazjenti Maltin. Biss, nafu wkoll li hemm żviluppi kbar f'dan is-settur, mhux l-anqas fil-mediċina li tintuża.

### Niġġieldu l-Marda tal-Kanċer

Il-Gvern determinat li b'dan l-iżvilupp il-ġlieda kontra l-kanċer tkun l-aktar aggressiva possibbli.

Din il-ġlieda kontra l-kanċer teħtieġ ukoll programmi ta' prevenzjoni kemm fl-istil ta' ħajja li ngħixu kif ukoll fl-identifikazzjoni kmieni tal-marda. Mis-sena d-dieħla, se nintroduċu programm nazzjonali ta' *Breast Screening*. Bl-apparat diġitali li issa għandna ġewwa l-Mater Dei se nkunu nistgħu nużaw s-servizzi ta` speċjalisti barranin mingħajr l-bżonn li nsiefru l-pazjenti. Matul is-sena d-dieħla nibdew niffukaw fuq dawk in-nisa l-aktar f'riskju, jiġifieri dawk ta` bejn il-ħamsin u s-sittin sena biex imbagħad nestendu l-programm għan-nisa kollha.

Se jiġi finalizzat il-Pjan Nazzjonali dwar il-Kanċer li se jagħti direzzjoni ghall-inizjattivi fil-qasam tal-kanċer. L-għan prinċipali hu li tingħata importanza lill-prevenzjoni, screening u trattament aħjar fil-qasam ta' l-onkoloġija.

### Jonqsu n-Nies li Jistennew ċerti operazzjonjiet

Il-Gvern se jkompli jaħdem biex nindirizzaw il-problema ta' nies li qed jistennew ċerti operazzjonijiet. Flimkien mal-professjonisti kollha konċernati, se jiġu stabbiliti *targets* definiti ta' kemm pazjent jista' jdum tistenna għal dak li jkollha bżonn. Dawn it-*targets* mhux se jkunu jistgħu jinqabżu. Din il-miżura għandha tassigura li l-Maltin u l-

Għawdxin kollha jirċievu s-servizzi mediċi li jkollhom bżonn fi żmien klinikament aċċettabbli.

**Tabella 20: Żviluppi ġodda permezz ta' l-iSptar Mater Dei**

| |
|---|
| Is-suċċess li ksibna fil-mediċina ġab miegħu sfidi ġodda. Qegħdin ngħixu aktar fit-tul. Il-mard deġenerattiv żdied u miegħu żdiedet ukoll it-talba għall-interventi ġodda u aktar sofistikati. Bħal ma qiegħed jiġri kullimkien il-listi ta' stennija telgħu. Hawn ukoll tidher l-importanza ta' l-Isptar Mater Dei li sa mill-bidu kien maħsub biex joffri s-soluzzjonijiet. Issa li tlesta għandna l-għodda biex dawn is-soluzzjonijiet nibdew napplikawhom. Konvint li wara li nikkonkludu l-ftehim mat-tobba, nurses u l-professjonisti oħra se nkunu qed inħaddmu prattiċi ġodda li bihom jonqsu b'mod sinifikanti n-nies li qed jistennew ċerti servizzi tas-saħħa.<br><br>Ġewwa l-Mater Dei, mhux biss għandna d-doppju ta' teatri għall-operazzjonijiet imma aktar importanti għandna teatri ddedikati. Dan se jfisser li l-listi bħal ma huma tal-katarretti nkunu nistgħu neliminawhom fl-iqsar żmien possibbli. Se nkunu nistgħu nirduppjaw in-numru ta` katarretti li noperaw ta' kull sena, anke permezz ta` operazjonijiet wara nofs in-nhar. Għalhekk il-listi ta' stennija għall-operazzjoni tal-katarretti għandha tkun eliminata fi żmien tliet snin.<br><br>Fl-oqsma ta' l-ortopedija, ukoll, għandna teatri ta' l-operazzjonijiet dedikati apposta għalhekk. Barra minn hekk, kabbarna ħafna n-numru ta' sodod fejn isiru operazzjonijiet li ma jirrikjedux rikoveru ta` aktar minn ġurnata. Dan se jippermettilna nnaqsu l-listi ta` stennija f`oqsma oħra għal livelli komparabbli ma' pajjiżi oħra Ewropej. |

## L-Iskema Spiżerija ta' l-Għażla Tiegħek

L-introduzzjoni ta' l-iskema L-Ispizjar ta' l-Ghazla Tieghek li bdiet permezz ta' proġett pilota fir-reġjun tat-trammuntana bil-għan li tul is-sena dieħla tiddaħħal madwar Malta u Għawdex kollha.

**Servizzi għall-Anzjani**

Illejla qed nipproponi n-nefqa ta' sitt miljuni u mitejn elf lira, zjieda ta' miljun fuq din is-sena, fuq servizzi residenzjali u fil-komunita lill-anzjani.

Tul is-sena d-dieħla, se jitkompla l-programm estensiv ta' mmodernizzar ta' San Vinċenz de Paule filwaqt li se jitwaqqaf *child care centre* għall-istaff li jaħdmu f'din il-faċilità.

Id-dar tal-anzjani ġewwa l-Mellieħa li bdiet tinbena din is-sena għandha tilqa' l-ewwel residenti sa April tas-sena d-dieħla. Din id-dar se tikkumplimenta is-seba` djar l-oħra eżistenti u se timla l-vojt li jeżisti fil-parti ta' fuq ta' Malta. Id-dar se tilqa` fiha madwar 130 persuna fuq l-istess kriterji li jaħdmu d-djar l-oħra, u se tingħata prijorità lil dawk li l-aktar għandhom bżonn dan is-servizz. Il-kunċett ta' *Public Private Partnership* li qed jintuża fl-iżvilupp ta' din id-dar wassalna biex narawha tinbena fi żmien rekord. Irrid nagħmilha ċara li l-anzjani li se jagħmlu użu minn din id-dar mhux se jkollhom aktar spejjeż mid-djar l-oħra tal-Gvern.

**Il-Volontarjat**

Din is-sena, il-Gvern għadda mill-Parlament l-liġi ta' l-għaqdiet volontarji bil-għan li jkompli jsaħħaħ ir-rwol ta' dawn l-għaqdiet fis-soċjetà tagħna. Bis-settur volontarju dejjem jikber, kibret ukoll l-influwenza tiegħu fuq is-soċjetà Maltija. M'hemmx dubju li pajjiżna qed ikompli jistghana mill-ħidma u l-attivitajiet tas-settur volontarju fil-proċess demokratiku ta' pajjiżna.

Issa jmiss li jitwaqqaf l-Uffiċċju tal-Kummissarju ta' l-Għaqdiet Volontarji kif ukoll il-Kunsill għas-Settur Volontarju.

Il-Gvern se jżid finanzjament ta' għaqdiet volontarji għal 820,000 lira, żieda ta' 90,000 lira Il-benefiċċju ta' l-energija se jiġi estiż għal dawk l-għaqdiet volontarji li qed joffru kenn u kura residenzjali bla ħlas lil dawk il-familji jew persuni bi bżonnijiet soċjali.

## Reviżjoni fil-Bands tat-Taxxa

Mr. Speaker,

Tul dawn l-aħħar siegħa w nofs spjegajt fid-dettal kif se jintefqu it-taxxi li jħallas il-poplu Malti.

L-aħħar miżura li ser nħabbar hija kif ser innaqsu t-taxxa tad-dħul b'mod li ninċentivaw aktar ix-xogħol u t-tkabbir ta' l-ekonomija.

Illejla ser nipproponi lil din il-Kamra li nkomplu dak li bdejna is-sena li għaddiet fit-taxxa tad-dħul. Irridu nnaqqsu d-diżinċentiv li wieħed jaħdem aktar. Irridu li l-familji Maltin u Ghawdxin iħallsu anqas taxxa fuq ix-xogħol.

Fil-Baġit tas-sena li għaddiet wessajna l-faxex tat-taxxa u naqqasna d-diżinċentiv li kien hemm biex wieħed jaħdem aktar. Kien hemm min qal li stajna nagħmlu aktar. Imma ridna nkunu prudenti.

Dakinhar jien kont wiegħedt lill-poplu Malti u Għawdxi li jekk l-ekonomija ta' pajjiżna tkompli tikber u nilħqu l-għanijiet finanzjarji tagħna, il-Gvern kien se jkompli b'din ir-riforma mportanti. Illum, mingħajr ma nieħdu riskji li jistgħu jipperikolaw dak li ksibna għal pajjiżna, sejrin nagħmlu aktar.

Is-sena l-ohra, estendejna l-faxxa tal-15 fil-mija minn 1,000 lira għal 2,250 lira f'każ ta' komputazzjoni singola u minn 1,700 lira għal 3,500 lira f'każ ta' komputazzjoni konġunta. Għamilna dan sabiex nassiguraw li l-*overtime* ma jkunx intaxxat b'aktar minn 15 fil-mija.

Jidher li rnexxielna nagħmlu dan għalkemm mhux għal kollox. Jidher li minn dħul dikjarat ta' 12-il miljun lira mill-*overtime* għad fadal xi miljun u nofs li għadhom qiegħed jinqabdu bir-rata ta' 25 fil-mija. Għaldaqstant, illejla qiegħed niproponi li nestendu il-faxxa tat-taxxa sabiex, kemm jista' jkun, l-*overtime* jinqabad bil-15 fil mija.

Iżda mhux se nieqfu hawn.

Se nwessgħu il-faxex tat-taxxa ħalli nħallu 12-il miljun lira oħra, fuq dak li tajna is-sena li għaddiet, fi bwiet il-ħaddiema u is-*self-employed* iż-żgħar. Dan ifisser li fuq medda ta' sentejn se nkunu wettaqna riforma sostanzjali fit-taxxa tad-dħul u se nkunu ħallejna 24 miljun lira aktar fi bwiet il-Maltin u l-Għawdxin.

Se nkomplu ngħollu il-faxxa mhux taxxabli sabiex min għandu l-anqas dħul ma jħallasx taxxa. Għalhekk, il-faxxa mhux taxxabli, li s-sena l-għaddiet konna għollejniha minn 3,100 lira għal 3,250 lira fil-każ ta' komputazzjoni singola, issa se nkomplu ngħolluha għal 3,498.80 lira. Fil-każ ta' komputazzjoni konġunta, is-sena li għaddiet, l-ammont mhux taxxabbli konna għollejnih għal 4,500 lira minn 4,300 lira. Issa dan l-ammont se nkomplu ngħolluh għal 4,894.02 lira.

Fil-każ ta' komputazzjoni separata, il-faxxa ta' 15 fil-mija se tiġi estiża b' 500 lira oħra għal 6,000 lira wara li s-sena l-għaddiet konna estendejniha b'Lm1,400. Fil-każ ta' komputazzjoni konġunta din ukoll se tibda aktar tard. Il-faxxa tal-15 fil-mija se tkompli titwessa' minn 8,000 lira għal 8,800 lira, żieda ta' kważi b'Lm2,800 lira aktar min dak li kienet qabel ir-riforma tas-sena li għaddiet.

Se nwessghu ukoll il-faxxa tal-25 fil-mija. Fil-każ ta' komputazzjoni separata se nipposponu r-rata ta' 35 fil-mija b'Lm1,400 billi l-faxxa tat-taxxa se titwessa' għal 8,157 lira minn 6,750 lira. Fil-każ ta' komputazzjoni konġunta il-faxxa bir-rata ta' taxxa ta' 25 fil-mija se titwessa' għal 12,000 lira minn 10,000, jew bi kważi 2,000 lira.

Mr. Speaker, kulħadd japprezza li ċ-ċaqlieq li qegħdin nagħmlu mhux żgħir. Din il-bidla qiegħda tfisser li kull min jaqla' anqas minn 8,200 lira f'kaz ta' komputazzjoni singola u 12,000 lira f'każ ta' komputazzjoni kongunta mhux se jiġi ntaxxat aktar bir-rata ta' 35 fil-mija. Eluf ta' ħaddiema u *self employed* żgħar se jgawdu minn dan it-titjib fit-taxxa.

Tabella 21 Tabella 22 juru l-faxex ġodda għall-komputazzjoni konġunta u l-komputazzjoni separata rispettivament. Tabelli 23 u Tabella 24 juru tnaqqis bħala riżultat ta' din ir-reviżjoni.

**Tabella 21 - Komputazzjoni Konġunta**

| **Rati 2006** | | **Rati Presenti** | | **Rati 2008** | **Rati 2008** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul sa** | **Rata** | **Dħul sa** | **Rata** | **Dħul sa** | **Dħul sa** |
| *Lm* | % | *Lm* | % | *Lm* | *Ewro* |
| 0-4300 | 0 | 0-4500 | 0 | 0-4894 | 0-11400 |
| 4301-6000 | 15 | 4501-8000 | 15 | 4895-8800 | 11401-20500 |
| 6001-7250 | 20 | | | | |
| 7251-8500 | 25 | 8001-10000 | 25 | 8801-12020 | 20500-28000 |
| 8501-10000 | 30 | | | | |
| 10000+ | 35 | 100000+ | 35 | 12021+ | 28001+ |

**Tabella 22 – Komputazzjoni Singola**

| Rati 2006<br>Dħul sa<br>*Lm* | Rata<br>% | Rati Presenti<br>Dħul sa<br>*Lm* | Rata<br>% | Rati 2008<br>Dħul sa<br>*Lm* | Rati 2008<br>Dħul sa<br>*Ewro* |
|---|---|---|---|---|---|
| 0-3100 | 0 | 0-3250 | 0 | 0-3498 | 0-8150 |
| 3101-4100 | 15 | 3251-5500 | 15 | 3499-6010 | 8151-14000 |
| 4101-5000 | 20 | | | | |
| 5001-6000 | 25 | 5501-6750 | 25 | 6011-8156 | 14001-19000 |
| 6001-6750 | 30 | | | | |
| 6751 + | 35 | 6751+ | 35 | 8157 + | 19001 + |

Tabella 23: Komputazzjoni Separata (Impatt)

| Dħul | Tnaqqis fit-Taxxa Baġit 2007 | Tnaqqis fit-Taxxa Baġit 2008 | Tnaqqis Totali |
|---|---|---|---|
| 3,500 | 23 | 38 | 61 |
| 4,000 | 23 | 38 | 61 |
| 4,500 | 43 | 38 | 81 |
| 5,000 | 68 | 38 | 106 |
| 5,500 | 118 | 38 | 156 |
| 6,000 | 118 | 89 | 207 |
| 6,500 | 143 | 89 | 232 |
| 7,000 | 143 | 114 | 257 |
| 7,500 | 155 | 164 | 319 |
| 8,000 | 155 | 214 | 369 |
| 8,500 | 155 | 230 | 385 |

Ħa nagħti xi eżempji dwar xi jfissru l-bidliet li qiegħed inressaq illejla.

*Koppja li se tagħżel komputazzjoni konġunta*

Koppja li ma taqlax aktar minn Lm8,000 fis-sena se tiffranka sa Lm168 fis-sena f'taxxa fuq id-dħul. Jekk taqla' bejn Lm8,000 u Lm10,000 se tibbenifika minn tnaqqis fit-taxxa ta' bejn Lm168 u Lm243 fis-sena. Jekk ngħoddu dak li gawdiet bir-riforma ta' tnax-il xahar ilu, din il-familja se tibbenifika minn tnaqqis ta' taxxa ta' bejn Lm277 u Lm432 kull sena.

**Tabella 24: Komputazzjoni Konġunta (Impatt)**

| Dħul | Tnaqqis fit-Taxxa Baġit 2007 | Tnaqqis fit-Taxxa Baġit 2008 | Tnaqqis Totali |
|---|---|---|---|
| 4,500 | 30 | 0 | 30 |
| 5,000 | 30 | 59 | 89 |
| 5,500 | 30 | 59 | 89 |
| 6,000 | 30 | 59 | 89 |
| 6,500 | 55 | 59 | 114 |
| 7,000 | 80 | 59 | 139 |
| 7,500 | 118 | 59 | 177 |
| 8,000 | 168 | 59 | 227 |
| 8,500 | 168 | 109 | 277 |
| 9,000 | 193 | 139 | 332 |
| 9,500 | 218 | 139 | 357 |
| 10,000 | 243 | 139 | 382 |
| 10,500 | 243 | 189 | 432 |
| 11,000 | 243 | 239 | 482 |
| 11,500 | 243 | 289 | 532 |
| 12,000 | 243 | 339 | 582 |
| 12,500 | 243 | 341 | 584 |

*Koppja li tagħżel komputazzjoni separata jew persuna mhix miżżewġa.*

Min jaqla' bejn Lm5,000 u Lm8,000 se jiffranka bejn Lm38 u Lm214 fis-sena. Jekk ngħoddu r-riforma ta' tnax-il xahar ilu,

dan se jibbenefikaw minn tnaqqis ta' taxxa ta' Lm106 u Lm369 fis-sena.

Il-messaġġ huwa ċar. Aħna ma rridux nintaxxaw ix-xogħol. Bil-maqlub, aħna rridu ninċentivaw ix-xogħol. Irridu niżguraw li l-avvanzi ekonomiċi ta' pajjiżna jmorru biex isaħħu lill-familji tagħna.

**Konklużjoni**

Mr. Speaker,

Meta nqis ir-responsabbilta li għandi f'idejja, ma nistax ma naħsibx fuq x'soċjeta nixtieq li ngħaddu lil uliedna u lit-tfal tagħhom.

Nixtieq li ngħaddulhom pajjiż aktar sabiħ, b'arja u baħar aktar nodfa, b'ekonomija b'saħħitħa, b'poplu edukat, b'ħaddiema bieżla u flessibbli, poplu li jagħti każ ħaddiehor, b'sens kbir ta' komunita. Pajjiż u poplu li jilqgħak, li jgħix fil-paċi.

Nixtieq ngħaddulhom familji fis-sod. Familji li kapaċi jagħtu lill-familja kollha l-aqwa u l-aħjar f'kollox.

Nixtieq ngħaddulhom Malta aktar b'saħħitha fil-valuri u f'dak li nemmnu.

Nixtieq ngħaddulhom Malta b'aktar opportunitajiet. Opportunitajiet għall-kulħadd, anke għal dawk l-aktar vulnerabbli.

Nixtieq ngħaddulhom Malta li jkunu kburin igħixu fiha, u jaqsmuha ma' min jiġi jżurna.

F'dan il-baġit komplejna niffokaw fuq il-prijoritajiet li għandhom jagħmlu differenza pożittiva fil-ħajja tal-familji tagħna.

Meta tliet snin ilu staqsejt lill-familji Maltin għall-appogg tagħhom fl-ewwel baġit li pprezentajt, tajt kelma li jekk

naħdmu flimkien nistgħu nirnexxu. F'dan il-kuntest ħdimna fuq pjan komprensiv, bi prijoritajiet iebsin. Illum qed insarfu r-riżultati li akwistajna flimkien.

Dan huwa baġit li jibni fuq is-suċċess ekonomiku li kellna f'dawn l-aħħar tliet snin. Baġit li jħares ukoll lejn aktar suċċessi fil-ġejjieni.

Dan huwa baġit li jappoggja lil familji tagħna mingħajr ma jdgħajjef is-saħħa ekonomika u l-miri fiskali tagħna. Huwa baġit li jfittex il-bilanċ korrett bejn dak li ser jinġabar mit-taxxi, dak li ser ninvestu u dak ser nonfqu.

Ser niġbru anqas taxxi mill-familji tagħna. Ser ninvestu l-akbar ammont li qatt investejna fl-edukazzjoni, fis-saħħa, fl-ambjent, fix-xogħol u f'Għawdex. Ser nonfqu fejn l-aktar għandha bżonn il-familja Maltija.

Xtaqna ninvestu ħafna aktar fil-familji li jaħdmu b'tant bżulija biex jagħtu lil uliedhom l-aqwa u l-aħjar. U hekk nagħmlu jekk inkomplu mixjin fit-triq li qbadna.

Aħna nagħrfu kemm hu importanti għal kull familja li jkollha l-mezzi biex tagħmel dak li għandha bżonn illum, u li tippjana għall-aħjar futur għat-tfal tagħha.

Dan huwa dak li ħadem għalih u jibqa' jaħdem għalih dan il-Gvern. Għall-familji Maltin u Għawdxin kollha, nirrepeti: kollha kemm huma.

B'dak kollu li ipproponejna llejla pajjizna ser joqrob aktar lejn baġit bilanċjat. It-taxxi ser jonqsu, u l-infieq ser ikun aktar

iffokat fuq il-bżonnijiet tal-familja. Illejla tajna prova li nistgħu nindirizzaw il-bżonnijiet tal-lum, fl-istess waqt inżommu ħarsitna 'l quddiem.

Dan huwa baġit li ser ikompli jimmira biex ikollna l-aqwa u l-aħjar fl-edukazzjoni, fis-saħħa, fit-turiżmu ta' kwalita, fil-manifattura ta' valur miżjud għoli, fis-servizzi finanzjarji, fl-informatika u l-kommunikazzjoni, u f'Għawdex bħala gżira ta' attrazzjoni u esperjenza unika.

Din hi viżjoni ta' poplu li diga qed titwettaq illum - ukoll b'dan il-baġit.

Mr. Speaker,

Huwa privilegg u unur ghalija li nirrakkomanda lil din il-Kamra dan il-Baġit. Baġit bil-ghan li nkomplu nsahhu lil pajjizna. Baġit biex ikollna familji fis-sod.

ISBN: 978-99932-94-09-2